# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 839 Mejju 2002



## 50 Sena ilu:
## L-Ewwel Ġebla tar-Rotunda


la femme
Women's
Choice ...
Karlu Galea Street, Victoria, VCT 111, Gozo
Tel. 21 564243, 21 558886 Fax. 21 564215 Mob. 99470114

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu –
Il-bandiera ta' Għawdex • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista tax-Xahar: 50 sena ilu
L-ewwel ġebla tar-Rotunda • 12
Patri Piju, Kristu, u l-Madonna • 18
Jitfakkar il-50 Sena Saċerdozju ta'
Mons. Isqof Nikol Cauchi • 20
Mill-Knisja fid-Dinja • 23
Tifsir fuq it-tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (8) • 24
Bookmark • 26
Poeżija - Il-Fliegu • 28
Drawwiet Missirijietna –
Il-Biedja f'Għawdex (6) • 30
Wirt Gżiritna –
Il-Mużew tal-Istorja Naturali (7) • 34
Madre Margerita Debrincat (5) • 36
Id-dinja tal-ballun • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42

IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 839**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni*:**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' April 2002.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Ir-Rotunda tax-Xewkija (Custom Aerial Photos)
*(ara l-intervista f'paġni 12-17)*

EDITORJAL



# Qbadna t-triq tat-tifrik?

Ma jistax wieħed ma josservax b'ċerta preokkupazzjoni n-numru dejjem jikber ta' familji bi problemi serji li qabdu t-triq tat-tifrik. Ngħidu "t-triq tat-tifrik" biex ma neskludux dawk il-koppji li jgħixu flimkien għal għajn in-nies. Din hija problema serja kemm għas-soċjetà ċivili u wisq iktar għall-Knisja.

Minn fejn ġej dan? Naturalment l-ewwel raġuni hija l-mentalità maltija li taċċetta qagħdiet familjari mhux normali qisu mhu xejn. Dan ġej mit-taħlit kontinwu mal-Maltin li wħud minnhom, meta jkollhom l-inkwiet jiġu jsibu l-kenn fostna fejn mingħalihom ma jafhom ħadd. Għandna wkoll in-numru kbir ta' żgħażagħ li jagħmlu snin ġo Malta fejn jiltaqgħu ma' soċjetà aktar moderna. Imma ċertament għandu influwenza kbira l-livell ta' ħajja li wasalna għalih fejn kull individwu jippretendi ċerti kumditajiet li jirrenduh indipendenti mir-rabtiet konjugali u esiġenti tal-familja.

Kif kiteb Mons. Isqof f'ittra pastorali dwar id-dinjità tal-mara, fl-1980, "kull ma jmur qed isir iktar komuni l-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fid-dinjità personali tagħhom". Dan mhux biss fil-kamp soċjali, iżda wkoll ġod-dar fejn ma tafx min hu responsabbli tal-familja u kulħadd sar indipendenti u jfendi għal rasu. Il-mara toħroġ taħdem, taqla' paga, daqs jew iktar minn ta' żewġha u ma tiddependix minn dak li jaqla' hu. Mill-indipendenza finanzjarja tgħaddi għall-indipendenza soċjali u kull parti jkollha l-ħbieb personali b'nuqqas ta' rbit familjari. Biex jinżammu dawn ir-relazzjonijiet, jitwarrbu r-rabtiet tal-maternità u jżommu n-numru ta' wlied sa wieħed jew tnejn għax l-ulied "iġibu rabta u taħbit".

L-isqof tagħna qed jaħdem kemm jista' flimkien mal-kappillani biex dan il-problema jintrebaħ. Fost ħwejjeġ oħra, ordna li l-għarajjes jattendu għall-korsijiet speċjali għalihom, kemm mill-Moviment ta' Kana kif ukoll parrokkjali. Dawn il-korsijiet huma obbligatorji għall-għarajjes kollha qabel jiġu ammessi għas-sagrament taż-żwieġ.

Ġejjin ix-xhur tal-vaganzi, meta ż-żgħażagħ jiltaqgħu ma' ħbieb ġodda fejn il-baħar, fil-festi jew fuq ix-xogħol. Inħeġġuhom biex ma jgħaġġlux u ma' l-ewwel laqgħat jidħlu għall-impenji taż-żwieġ bla ma jqisuha sew għal darba, tnejn.

Nawguraw li l-Għawdxin iħarsu lejn il-familja bl-istess lenti li tħares lejha l-Knisja kif għamlu ta' qabilna.




Seminarista Victor Said

### *L- "Acies" tal-Leġjun ta' Marija fix-Xewkija*

Il-Ħadd, 17 ta' Marzu, fil-għaxija, l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni flimkien mad-diretturi spiritwali tal-Leġjun ta' Marija fl-okkażjoni ta' l-*Acies* li nżammet fil-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof tkellem dwar l-importanza tax-xhieda nisranija fil-ħajja ta' llum.

### *Żjara ta' l-Isqof ta' Halifax, Kanada*

L-Isqof Mons. Terence Prendergast tad-djoċesi ta' Halifax għamel żjara ta' korteżija lil Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi fil-palazz tiegħu fi Triq ir-Repubblika u tkellmu flimkien dwar is-sitwazzjoni preżenti taż-żewġ djoċesijiet. Hu għamel żjara wkoll lis-Seminarju fejn kellu laqgħa mas-seminaristi u wara, flimkien ma' Mons. Isqof Cauchi, ippresieda l-pranzu li sar f'ġieħu.

### *Festa ta' San Ġużepp fil-Qala*

Nhar it-18 ta' Marzu, lejlet il-festa ta' San Ġużepp, Patrun Universali tal-Knisja Kattolika, Mons. Isqof żar il-parroċċa tal-Qala fejn ukoll mexxa konċelebrazzjoni flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi tkellem dwar ir-rwol ta' San Ġużepp fil-ħajja ta' Ġesu`. L-Isqof semma wkoll d-diversi virtujiet li spikkaw fil-ħajja ta' dan il-qaddis patrijarka, missier putattiv ta' Ġesu`. Fl-offertorju l-lajċi tellgħu għodod tradizzjonali tal-mastrudaxxa bħala ġest simboliku b'rabta ma' dan il-qaddis patrun tal-Qala.

### *Laqgħat ta' l-Isqof maż-Żgħażagħ*

Bħala parti mill-programm speċjali ta' attivitajiet biex ifakkru l-50 sena ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, komplew iż-żjarat li l-Isqof qed jagħmel liż-żgħażagħ fil-parroċċi kollha tad-djoċesi Għawdxija. Nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu, l-Isqof żar iż-żgħażagħ ta' Kerċem, ta' Sannat u tax-Xagħra.

### *Open Day għar-"Respite Centre"*

Nhar l-Għid il-Kbir, il-Ħadd 31 ta' Marzu, saret maratona b'risq ir-*Respite Centre* fi ħdan il-Fundazzjoni Arka f'Għajnsielem, Għawdex. Din il-maratona kienet tikkonsisti fi ġbir ta' fondi biex tkompli ssostni l-ħidma mportanti fi ħdan din il-fundazzjoni. Il-maratona kienet imxandra fuq l-istazzjon ta' l-RTK u Mons. Isqof għamel l-appell tiegħu b'risq dan il-għan.

### *Ġublew tad-Deheb ta' Mons. Isqof*

Nhar is-Sibt 6 ta' April, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi radd ħajr lil Alla għall-50 sena ta` saċerdozju waqt konċelebrazzjoni pontifikali li nżammet fil-Knisja Katidrali. Kien hemm preżenti għal din il-konċelebrazzjoni Mons. Luigi Conti, Nunzju Apostoliku għal Malta, l-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca, Mons. Annetto Depasquale Vigarju Ġenerali, u l-Arċisqof Gilio. Ikkonċelebraw għadd sabiħ ta' saċerdoti tad-djoċesi. Attendew ukoll il-President tar-Repubblika l-Professur Guido de Marco, il-Prim





Ministru l-Onor. Dr. Eddie Fenech Adami, l-Ispeaker tal-Parlament s-Sur Anton Tabone, u l-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono kif ukoll membri ta' l-oppożizzjoni fosthom, it-Tabib Ġorġ Vella, l-Avukat Dr. Anton Refalo u l-Perit Karmenu Borg.

## *Tqassim tal-Ġabra tal-Karità*



Fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Victoria, Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni nhar is-Sibt 13 ta' April, li fiha ġew imqassmin il-fondi li nġabru f'Jum il-Karita` nhar il-festa ta' Kristu Re tas-sena 2001. L-istituzzjonijiet li ibbenefikaw kienu Lourdes Home, id-Dar ta' San Ġużepp, iċ-Ċentru ta' Kana, ir-*Respite Centre*, id-Dar tal-Provvidenza fis-Siġġiewi, il-Fundazzjoni Tobit ta' San Lawrenz u l-OASI.

## *Festa tal-Ħniena Divina fin-Nadur*

Il-Ħadd 7 t'April ġiet iċċelebrata fil-parroċċa tan-Nadur l-festa tal-Ħniena Divina. Fl-4.00p.m. sar pellegrinaġġ mill-kappella ddedikata lill-Ħniena Divina li tinsab fi Triq Grunju għall-Kolleġġjata Bażilika. Saret Adorazzjoni mmexxija minn Dun Duminku Camilleri u wara ngħatat il-Barka Sagramentali. Fil-5.00p.m saret Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Salv Pace, Vigarju Foranju. Fil-quddiesa sar talb speċjali għall-Isqof Nikol Cauchi fl-okkażjoni tal-50 sena mill-ordinazzjoni tiegħu.



## *Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla.*

Id-39 Kungress tax-Xirka tal-Isem Mqaddes t'Alla bil-motto "Lilek O Alla nfaħħru bil-Liturġija", sar fil-parroċċa tan-Nadur . Il-Ħadd 14 t'April sar Korteo bl-istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb, li telaq minn Triq San Ġwann bil-parteċipazzjoni tal-Kumitati tax-Xirka Għawdxin kif ukoll tal-Banda Mnarja. Mal-wasla fil-pjazza prinċipali tal-Nadur saru diskorsi mill-Arċipriet Mons. Salvu Muscat u mill-Isqof Nikol Cauchi. Saret ukoll play mit-tfal tal-Mużew Subien.Fil-Kungress ħa sehem il-Kor "*Jubilate Deo*" taħt it-tmexxija ta' Mons. Martin Portelli. Fi tmiem il-Kungress, il-President Djoċesan tax-Xirka ħabbar li l-40 Kungress se jsir fil-Belt Victoria fl-4 ta' Mejju tas-sena 2003.



## *L-Isqof jitlob mal-komunitajiet parrokkjali*

Matul ix-xahar ta' April l-Isqof kompla jwettaq il-programm tiegħu ta' żjajjar fil-parroċċi li kien inbeda fix-xahar ta' Marzu. Bħala parti miċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew tad-Deheb tas-saċerdozju tiegħu, Mons. Isqof għamel ħin ta' talb quddiem l-Ewkaristija flimkien mal-komunitajiet parrokkjali tal-Munxar, tal-Qala u ta' l-Għarb nhar il-Ħamis 18 t'April, u mal-komunita` parrokkjali ta' San Ġorġ nhar il-Ġimgħa 19 ta' April.

## *Quddiesa tal-Vokazzjonijiet*

Bħalma soltu jsir ta' kull sena f'Jum il-Vokazzjonijiet, nhar is-Sibt 20 ta' April 2002, fil-5.00 p.m. Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fis-sala tas-Seminarju Minuri ta' Għawdex biex ikompli jsir talb lil Alla ħalli jkollna aktar vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Għal din il-konċelebrazzjoni attendew il-membri tal-gruppi tal-vokazzjonijiet mill-parroċċi kollha tad-djoċesi. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof semma l-ħtieġa ta' familji tajbin li jrabbu lil uliedhom bl-aħjar mod billi jagħtuhom formazzjoni nisranija tajba kemm bil-kelma kif ukoll bix-xhieda ta' ħajjithom.




## Il-"Malita" Jidħol fis-Servizz

Iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni tat-tielet vapur tal-flotta l-ġdida tal-*Gozo Channel* ġie nawgurat u mogħti dan l-isem fil-port ta' l-Imġarr nhar it-23 ta' Marzu, 2002. Mibni mill-*Malta Shipbuilding* fuq l-istess speċifikazzjonijiet taż-żewġ vapuri ta' qablu, l- "MV Malita" huwa mgħammar bi stiva li titla' u tinżel u li jesa' madwar mija u ħamsin karozza. Il-bastiment il-ġdid ġie nawgurat mill-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi Dr. Josef Bonnici li kien akkumpanjat mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u miċ-*Chairman* tal-Kumpanija *Gozo Channel* is-Sur John E. Sullivan. Iċ-ċerimonja tat-tberik tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Waqt id-diskors tiegħu, is-Sur Sullivan ħabbar fost oħrajn li fix-xhur tas-sajf ser tiġi ntrodotta l-ewwel fażi tas-sistema awtomatika ta' bejgħ ta' biljetti.





## Dawra b'Radd ta' Ħajr

L-iskola Primarja Karmni Grima ta' l-Għarb kienet mistiedna mill-President ta' Malta Dr. Guido de Marco għal-laqgħa miegħu fl-uffiċċju tiegħu. Dan sar għax l-istudenti ta' din l-iskola, waqt "SkolaSajf" ġabru l-akbar ammont ta' flus għall-*Community Chest Fund* meta mqabbel man-numru ta' studenti li attendew l-iskola. Din il-laqgħa seħħet fl-14 ta' Novembru, 2001. L-iskola kienet mistiedna wkoll għal titjira edukattiva fuq l-ajruplan ta' l-*Air Malta* minħabba l-istess raġuni, liema mawra saret fis-16 ta' April, 2002. It-tfal, li b'kollox kienu tletin, ittieħdu sa Sqallija bl-ajru u lura. Waqt id-dawra, il-President kien preżenti u rringrazzja lit-tfal għas-somma li kienu ġabru b'risq il-*Community Chest Fund.*

## Żjara Aħħarija



L-ambaxxatur Giancarlo Riccio għamel żjara ta' l-aħħar lill-Ministru għal Għawdex nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu, 2002. Wara, huwa żar l-iskola ta' Sannat, l-i*special unit* li jgħin lit-tfal b'diżabilita` bejn it-tlieta u t-tlettax-il sena. Profil ta' l-iskola kien ippreżentat lill-ambaxxatur mill-Kap ta' l-Iskola s-Sur Saviour Portelli.

## Jum Sannat

Il-Kunsill Lokali ta' Sannat iċċelebra dan il-jum permezz ta' diversi attivitajiet bejn il-Ġimgħa 26 ta' April u l-Ġimgħa 3 ta' Mejju. Dawn kienu jinkludu partita futbol, varjeta' bil-kollaborazzjoni ta' l-Għaqda Drammatika Sannat, quddiesa bis-sehem tal-kor tal-parroċċa u marċ mill-banda Soċjeta' Mużikali Santa Margerita V.M.. Kienet organizzata *Treasure Hunt* għaż-żgħażagħ u ġurnata sportiva għat-tfal.

## Żewġ Fieri Tradizzjonali tar-Rebbiegħa

Matul ix-xahar ta' April inżammu fil-gżira tagħna żewġ fieri li issa saru tradizzjoni, il-fiera ta' l-Għadira u dik tad- Dwejra. Fiż-żewġ fieri l-konkorrenza kienet waħda tajba. Kienu bosta l-attivitajiet li ttellgħu bl-iskop li jolqtu l-gosti tal-membri kollha tal-familja.

## L-Opera "Le Villi" bħala Kunċert



Wara s-suċċess li kellu l-kunċert "*Verdi in concerto*" li kien sar il-Ġimgħa 11 ta' Mejju, 2001 fit-teatru ta' l-Oratorju Don Bosco, il-*Classique Foundation* ser ittella' verżjoni kunċertistika tal-opra "*Le Villi*" ta' Puccini. Din l-opra ser tittella' għall-ewwel darba fil-gżejjer tagħna nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju fil-pjazza tal-Katidral. Din l-opra mbagħad ser tittella' wkoll ġewwa Malta nhar il-Ħadd 16 ta' Ġunju fil-ġnien tal-palazz tal-President ġewwa San Anton, H'Attard. Billi l-opra hija ftit qasira għax tieħu madwar siegħa, ser jiġu esebiti żewġ xogħlijiet oħra: l-intermezz mill-opra "*Manon Lescaut*" u s-silta "*Requiem per coro a 3 voci miste, viola e organo*". Ser jieħdu sehem il-kantanta maltija Miriam Cauchi u l-kantanti taljani Carlo Torriani u Antonio Stragapede. Id-direzzjoni mużikali ser tkun f'idejn Mro. Joseph Debrincat.

## Ġurnata tal-Bizzilla



L-Universita` ta' Malta, ċentru ta' Għawdex, organizza dan l-avveniment annwali fil-21 ta' April 2002 bejn l-10.00am u l-4.00pm fl-Universita` fix-Xewkija. Saru diskorsi minn Profs Briguglio, il-Ministru għal Għawdex, u minn Consiglia Azzopardi. Kien hemm wirjiet ta' xogħol maħdum mill-bizzilla u preżentazzjoni ta' ċertifikati mill-Ministru għal Għawdex.

## Kampanja Ġbir ta' Fondi għal "Arka"

Il-Fondazzjoni Arka organizzat ġurnata ta' ġbir ta' Fondi b'risq l-istess ċentru nhar Ħadd il-Għid, li imbagħad kompliet fil-ġranet ta' wara. Kienu diversi dawk li taw l-għanuna biex jinġabru fondi għal dan il-post, fosthom radju RTK li xandar skeda speċjali ta' programmi minn dan il-post. Ittellgħet varjetà ta' kant u żfin b'ħafna oġġetti għall-bejgħ.

## Ħatra ta' Sindki f'Erba` Lokalitajiet

Matul dan ix-xahar, ġew maħtura uħud mis-sindki f'dawk il-lokalitajiet fejn f'Marzu nżammu l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Fix-Xewkija ġiet maħtura l-avukatessa Monica Vella, f'Għajnsielem ġie kkonfermat Francis Cauchi, fin-Nadur ukoll Dr. Chris Said kien ikkonfermat sindku. Fil-Fontana nħatar Valentino Cassar bħala s-sindku ta' dik il-lokalita`. Nifirħulhom u nawgurawlhom.

## Jum il-Ħelsien




Dan il-jum kien imfakkar b'ċerimonja simbolika fi Pjazza Indipendenza, Victoria. Tat is-sehem tagħha l-Banda tal-Pulizija.

## Pulizija Għawdxi fi New York

Mark Anthony Portelli ta' 23 sena min-Nadur iggradwa bħala pulizija ġewwa New York City flimkien ma' 1,359 oħra. Iċ-ċerimonja kienet ippreseduta mis-sindku Michael R. Bloomberg. Mark kien jifforma parti mill-Armata Amerikana għal dawn l-aħħar tliet snin. Hu temm b'suċċess it-taħriġ akkademiku u kien mogħti unur għall-fatt li ġie ma' l-ewwel għaxra fil-mija minn dawk kollha li kienu għall-kors.

## Monument lil Frenċ ta' l-Għarb

Statwa tal-bronż ta' dan il-bniedem ta' fama qaddisa ġiet inawgurata fil-pjazza faċċata tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. L-istatwa hija xogħol l-iskultur Alfred Camilleri Cauchi u ngħatat l-bronż mill-Fonderia Fratelli Bonvicini ta' Verona fl-Italja. Iċ-ċerimonja kienet ippreseduta mill-Kan Giljan Refalo Rapa; mir-rettur il-ġdid tas-Santwarju Dun Mikiel Galea, u minn Mons. Beneditt Camilleri li dam rettur tas-Santwarju għal 25 sena sħaħ, u minn Noel Fabri. Wistin Mamo kien il-benefattur ta' din l-istatwa.

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 105
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2002

# Il-Bandiera ta' Għawdex

Id-dokument numru mija u ħamsa li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas għal bandiera ġdida li sar nhar it-30 ta' April, 1702, tliet mit sena ilu. Il-ħlas jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-era fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1701–1702), folja 30r (NAG, UG, Acta, 9/1701–1702, f. 30r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**Michele Agius, Tesoriero di questa Università del Gozzo, ritenerete in poter nostro scudi tre, e tarì dieci di moneta per altretanti da noi spesi in risarcire e rinovare la bandiera di detta Università; cioè, scudi due e tarì quattro per pali sei di talsitano e seta bianca, e scudi uno et tarì sei per manifattura dela bandiera; successo li 30 aprile 1702.**

Fil-bidu tas-sena 1702, l-Universitas ta' Għawdex ħasset il-bżonn li ġedded il-*vexilio* jew bandiera tagħha. Il-bandiera kienet probabilment tittella' fuq l-uffiċċju tagħha fl-okkażjoni ta' xi festa.

Hu interessanti l-fatt li jingħad li din kienet "bandiera ta' l-imsemmija Università", jiġifieri aktarx mhux bandiera ta' l-Ordni. Din kienet tikkonsisti f'salib abjad mimdut fuq sfond aħmar u meta saret waħda minn dawn, kif ktibna f'din is-sensiela, saret riferenza preċiża għaliha.

Mill-kelmiet tad-dokument jidher li din aktarx kienet bandiera apposta, bandiera ta' Għawdex, aktarx bl-arma ta' l-Università jiġifieri bit-tliet għoljiet impittra fuqha. Il-fatt li nxtara drapp abjad ikompli jsaħħah l-argument li ma kinitx bandiera tal-Kavallieri. Ma tissemmiex spiża speċjali għat-tpinġija ta' l-arma ta' l-Universitas għax, kif spjegat, il-bandiera kienet qegħdha tiġi rinnovata u għalhekk it-tpinġija setgħet tiġi trasportata fuq id-drapp il-ġdid.

Għal din il-bandiera nxtraw sitt palmi drapp. Il-palma hi traduzzjoni għall-kejl Malti xiber, li kien fih tnax il-pulzier Maltin, 10.31 pulzier Ingliż, jew 0.262 ta' metru. Id-drapp kien għażel u ħarir abjad u sewa żewġ skudi u erba' irbiegħi. Ix-xogħol tal-ħjata u r-rinnovament tal-bandiera swew skut u sitt irbiegħi. Għalhekk l-ispiża telgħet b'kollox għal tliet skuti u għaxart irbiegħi (0.81 Euro).






## Riżoluzzjoni importanti fis-Seminar Annwali tal-K.D.Ż.

Waħda mir-riżoluzzjonijiet li ttieħdu minn dawk li ħadu sehem fis-seminar annwali tal-K.D.Ż. kienet li l-Knisja għandha titħabat aktar biex tilħaq liż-żgħażagħ li ma jattendux f'laqgħat ta' Għaqdiet ta' Apostolat. Dan is-suġġeriment kien, li f'għaqdiet u gruppi mhux tal-Knisja bħal m'huma każini tal-baned, każini tal-futbol, każini politiċi, etc, ikun hemm il-preżenza ta' saċerdot. U din il-preżenza ma tkunx waħda passiva imma tkun trid tinħass, billi minn żmien għal żmien isiru attivitajiet ta' natura spiritwali, bħal xi *prayer meeting*, xi quddiesa fl-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, konferenzi reliġjużi, etċ.

Jien naf li kważi l-każini kollha tal-baned għandhom id-Direttur Spiritwali tagħhom. Hemm bżonn li dawk il-każini li m'għandhomx Direttur Spiritwali jippruvaw jaħtru wieħed dejjem bil-permess tal-awtorità ekklesjastika. B'dan il-mezz il-Knisja Kattolika f'pajjiżna tilħaq aktar lil lajċi bi programmi li jwasslu liż-żgħażagħ lejn il-prattika tal-fidi. Din tassew ħtieġa urġenti.

## L-MCAST u Għawdex

Issa li ninsabu fix-xahar ta' Mejju, u ż-żmien ta' preparazzjoni għas-sena skolastika li jmiss daħal sewwa, tajjeb li l-pożizzjoni ta' l-istudenti Għawdxin li jixtiequ jieħdu korsijiet fl-MCAST tkun ċara u stabbilita sewwa. Dwar l-MCAST u Għawdex saru żewġ rakkomandazzjonijiet alternattivi mill-Kunsill ta' l-Edukazzjoni għal Għawdex:

A. Iċ-Ċentru Post Sekondarju Sir M.A. Refalo jingħata l-permess li jagħmel xi korsijiet fuq l-istess sillabu li bħalu qed isiru fl-MCAST, (dejjem jekk ikun hemm għalliema u l-apparat meħtieġ) L-istudenti f'kull kors li għalih xi istitut ta' l-MCAST jkun ta l-permess biex isir il-kors f'dan iċ-Ċentru, jiġu assessjati mill-istess Istitut ta' l-MCAST.

B. L-MCAST jistabilixxi f'xi post ġewwa Għawdex fergħa tiegħu bl-isem *MCAST GOZO CENTRE*, (l-istess kif għamlet l-Università ta' Malta). F'dan iċ-Ċentru jsiru korsijiet ta' interess għall-istudenti Għawdxin. Sadanittant, xi korsijiet ta' l-MCAST li bdew f'Għawdex, fil-bidu ta' din is-Sena Skolastika jitkomplew fiċ-Ċentru Sir M.A. Refalo.

## Ħolma ta' Għaxar snin li llum saret Realta`

Hekk sejħilha l-wasla tat-tielet u l-aħħar vapur tal-*Gozo Channel* iċ-Chairman ta' l-istess kumpanija, is-Sur John Sullivan. Is-Sur Sullivan stqarr li l-*Gozo Channel* mhix ser tieqaf u tistrieħ għax issa għandha flotta ta' tliet vapuri ġodda kbar u moderni. Il-kumpanija ser tagħmel minn kollox biex it-trasport bejn iż-żewġ gżejjer isir bl-akbar effiċjenza possibbli. Qal li hemm proġetti oħra li ser jivvantaġġjaw lill-passiġġieri. Fost l-oħrajn semma l-installazzjoni t' sistema awtomatika għall-bejgħ tal-biljetti. Hemm it-tama li din is-sistema tinbeda` fil-port ta' l-Imġarr qabel is-sajf li ġej.

Proġetti oħra li diġa' twettqu għall-vantaġġ u s-sigurtà tal-passiġġieri kienu s-*security cameras* fl-Imġarr u Sa Maison, kif ukoll il-faċilità ta' *baggage trailer* għall-passiġġieri li jkollhom bagalji tqal xi jtellgħu u jniżżlu fuq il-vapuri.

Huwa ttamat ukoll li l-proġett tal-moll il-ġdid fiċ-Ċirkewwa jkun komplut f'qasir żmien, u l-proġett l-ieħor ta' żvilupp fil-port ta' l-Imġarr jibda kemm jista' jkun bla dewmien. B'hekk it-trasport bejn iż-żewġ gżejjer isir wisq aktar effiċjenti anke meta l-baħar ikun imqalleb u ma jkunx favorevoli għall-ivvjaġġar.

## Id-Detrazzjoni hija dnub ukoll!

Jidher li teżisti f'ċerti ġurnalisti u edituri ta' gazzetti maltin bħal xewqa morbusa biex jonfħu u jxandru bi prominenza xi skandli ta' pedofilija li allegament kienu mwettqa minn xi saċerdoti jew reliġużi. Il-

Papa f'isem il-Knisja Universali, u l-Isqfijiet tagħna f'isem il-Knisja Maltija, jafu li sfortunatament dawn il-każi ġraw, u talbu maħfra lil dawk li kienu abbużati sesswalment.



Meta wieħed jikkunsidra globalment il-ġid kbir spiritwali u soċjali li jwettqu s-saċerdoti u r-reliġjużi mad-dinja kollha, il-missjoni diżinteressata li jwettqu, is-sagrifiċċju tal-ħajja tagħhom favur it-tfal foqra u emarġati, wieħed ikun inġust li jxandar bi promimenza kbira d-difetti tan-natura fraġli ta' xi reliġjuż. Id-detrazzjoni hija dnub ukoll! Meta wieħed iqabbel dawn il-każi sfortunati mal-kwantita` kbira ta' ġid li jsir mis-saċerdoti u reliġjużi oħra, jkollu jistqarr li dawn il-każi huma ftit wisq. Fil-każ ta' pajjiżna l-każi ta' pedofilija huma tassew każi iżolati, kif jgħid l-Ingliż: *very few and far between*, jew aħjar eċċezzjonijiet rari.

L-appell sinċier tiegħi hu li f'dawn il-każi, fejn jidħlu l-erwieħ ikkonsagrati, flok nippublikaw faċċata sħiħa b'*heading* b'tipi grassi jew inxandru programm sħiħ fuq ir-radju jew T.V, niktbu u nxandru mill-inqas. Fl-aħħar mill-aħħar dan hu li titlob il-karita` nisranija. Nagħmlu ma' ħaddieħor kif nixtiequ li ħaddieħor jagħmel magħna, għax kulħadd jista` jiżbalja.

## Ir-Radjijiet Komunitarji f'Għawdex

Dan l-aħħar kont qed nisma' programm imxandar minn *Radju Luminarja* tal-parroċċa tan-Nadur. Kienet l-ewwel puntata minn serje ta' programmi li ġġib l-isem: "It-Tagħlim ta' l-Appostli". Din l-ewwel puntata kienet fil-forma ta' intervista ma' l-E.T. Mons. Isqof Cauchi. Dan il-programm fakkarni f'suġġeriment li minn din ir-rokna kont għamilt xi xhur ilu dwar ix-xandir mir-radjijiet tal-komunità fil-gżira tagħna. Għaliex serje bħal din m'għandhiex tixxandar ukoll mit-tmien stazzjonijiet l-oħra lokali t'Għawdex?

Nerġa' nsostni li, jew fil-Kurja ta' l-Isqof, jew fil-*Lumen Christi Media Centre*, ikun hemm uffiċċju li jikkoordina xi xandiriet ta' natura spiritwali, kulturali u soċjali ħalli ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' impenn. Dan l-uffiċċju jkun jista' jservi ta' "*pool*" li jislef programmi biex jixxandru mid-diversi stazzjonijiet tad-djoċesi t'Għawdex.

## Ftit Ilmenti tal-Għawdxin...

**Meta** se nagħtu rkaptu biex nagħtu "*surfacing*" ġdid, mhux sempliċement tirqigħ bi ftit żrar, lil waħda mill-arterji prinċipali t'Għawdex: it-triq li tgħaddi bejn ix-Xewkija u l-Qala?! Fin-naħat imsejħa "Tal-Imreġżbiet" qrib Għajnsielem għandek żewġ kilometri ta` esperjenza fuq il-qamar!!

**Għaliex** dan l-aħħar inqatgħet għal kollox is-sistema ta` transport pubbliku, fil-għodu u fil-għaxija, mill-irħula għall-fabbriki tal-*Industrial Estate* fix-Xewkija? Min hu responsabbli għal din id-deċiżjoni bla sens, jaf biżżejjed kemm ħaddiema qegħdin jaslu lura d-dar, anke bil-mixi, siegħa wara?! Dan progress jew ġustizzja? X'għamel il-Ministeru għal Għawdex biex isolvi din il-problema?!

**Kif** qed jiġi kkontrollat it-traffiku ta` trakkijiet kbar mgħobbija żrar, ġebel u skart (rarament mgħottija bil-kanvas!) li jterrqu traxxnati m'Għawdex kollu b'tagħbijiet "*over and above*" u dħaħen insaportabbli?! Din responsabilta` ta' kontroll mill-pulizija tat-traffiku jew mill-gwardjani lokali? Jew it-tnejn qed jaħslu jdejhom billi jfarfru fuq xulxin?!

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau,
Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Sqr.,
Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277

L-INTERVISTA

# 50 Sena Ilu: L-Ewwel Ġebla tar-Rotunda.

JIRRAPORTA DUN EDDIE ZAMMIT



*Fl-4 ta' Mejju tas-sena 1952, ingħata bidu għall-bini tal-Knisja Rotunda tax-Xewkija. Dak in-nhar l-Isqof Ġużeppi Pace, fil-preżenza ta' l-Arċipriet tax-Xewkija Dun Ġużepp Grech u tal-perit is-Sur Ġuże D'Amato, poġġa l-ewwel ġebla ta' dik li kellha ser tkun opra monumentali unika fil-ġebla maltija. Din hija ukoll waħda mill-ikbar knejjes tal-gżejjer tagħna. L-iktar tul ta' din il-knisja huwa wiesa 208 pied. Id-dijametru fl-għoli tal-koppla huwa ta' 82 pied minn ġewwa u 90 pied minn barra. Il-koppla sserraħ fuq 8 kolonni tal-"concrete" li huma 45 pied għolja l-waħda. Dawn qed jerfgħu il-piż tal-koppla li hu ta' 45 tunnellata. L-għoli komplessiv tal-knisja huwa ta' 245 pied. Id-dijametru tal-paviment minn ġewwa jinfirex fuq medda ta' 190 pied tul u 130 wisa'. Fiha sitt kappelluni fil-ġnub, il-kor, u koppla quddiem ta' 30 pied dijametru u għolja 100 pied, b'żewġ arzelli ta' 24 pied dijametru quddiem il-bieb il-kbir. Dan il-bieb huwa msieħeb ma' żewġ bibien oħra iċken minnu wieħed kull naħa. Il-bieb il-kbir huwa 16 il-pied wiesa u 32 għoli. Fuq wara nsibu il-kampnar tal-knisja li huwa għoli 200 pied. Din il-knisja inbniet madwar il-knisja l-qadima magħrufa għall-iskultura tagħha, li ħafna minnha reġgħet inbniet f'mużew għaliha. Ix-xogħol fuq il-bini tagħha dam sejjer 18 il-sena. Is-salib tal-koppla ġie mqiegħed nhar il-31 ta' Mejju tal-1970 fil-preżenza ta' l-Arċipriet Grech, tan-Nunzju Apostoliku għal Malta Mons. G. Maioli, u l-Amministratur Apostoliku għal Għawdex l-Isqof Nikol Cauchi. Il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Nikol Cauchi nhar is-17 ta' Ġunju tal-1978.*



*Il-bennej prinċipali ta' din l-opra kien Ġużepp Vella (tal-Malla) mix-Xewkija. F'intervista li kellu dan l-aħħar mal-Arċipriet tax-Xewkija Mons. Carmelo Mercieca, Ġużepp jirrakonta xi esperjenzi marbuta mal-bini tal-knisja. Se nwasslu xi siltiet.*



# Il-bennej Ġużepp Vella jirrakkonta...

***Kif bdejt taħdem fil-bini tal-knisja tax-Xewkija ?***
Jien kont qed nibni mal-Perit D'Amato fl-Istitut ta' San Ġużepp t'Għajnsielem. Fil-bidu tal-bini tal-knisja ħadem ħija Toni Vella u Ġużepp Cauchi, tas-Sellieħ.

Darba waħda l-Perit Ġużè D'Amato qalli. "Imxi x-Xewkija"! U bdejt ix-xogħol flimkien ma' Ġużepp Cauchi. Ġużepp qalli: "Trid tpoġġi xi ġebliet?"



U bdejna. Imbagħad tela' Ġużepp u qal. "Kemm iqiegħed ġebel ... u kemm iqegħdu tajjeb! Wara ftit żmien Ġużepp minħabba l-età, ġie fejni u qalli "Jien m'għadnix niflaħ", u ħalla minħabba l-età. U hekk bdejt fil-knisja u bil-għajnuna t'Alla komplejt sa l-aħħar.

***Mgħallem, x'kuraġġ kellek biex tidħol għal biċċa xogħol bħal din?***
Dejjem kont nittama f'Alla. Kont insib għajnuna kbira fil-Mulej. Kont nibda l-ġurnata tiegħi bil-quddiesa ta' l-ewwel li kienet toħroġ fl-erbgħa ta' filgħodu. U l-Mulej kien idawwalli moħħi.

***Ġiex li ma rqadx bil-ħsibijiet?***
Qatt. Waqt ix-xogħol, dak il-ħin kont naħseb, iżda wara ma kont ninkwieta xejn.

***Mela kont tħossok żgur fix-xogħol tiegħek?***
Kont determinat ħafna li ser naslu. Ġieli kien hemm min jiġri warajja għal xogħol barrani. Iżda jien kont dejjem naqtagħlu barra għax kont ngħidlu "Dik il-knisja rrid inlestiha! Ġieli l-Arċipriet kien igħidli "Flus ma tantx baqagħlna"! Jien dejjem kont nagħmillu kuraġġ: "Dak Alla jipprovdi". U dejjem ipprovda.

***Niġu għax-xogħol. Min kien jagħmillek il-mollijiet?***
Il-mollijiet kollha jien kont nagħmilhom. Kollox waħdi u Alla miegħi. Għax ma kien hemm l-ebda ġebla bħall-oħra. Il-Perit kellu jdejh tal-ħelu. Għall-bidu kien jgħidli "Ġużepp, nagħmillek il-mollijiet jien!" Jien, sadattant, kont inkun ġa qtajthom il-mollijiet, ġibthomlu u wrejthomlu. Qalli "Minn fejn ħadthom?", u jien weġibtu, "Min fuq ir-ritratt!". Kien ikun ferm kuntent, għax kollox bl-eżatt u preċiż. Kollox jaqbel.



***Mela l-Perit kien jieħu gost!***
Jien ġieli kont nistaqsih, "Perit, kif ser nagħmilha?" Hu kien iweġibni, "Dak għalfejn qed tistaqsini? Int tagħmel isbaħ minni!".

***Xi kemm kont tagħmel mollijiet?***
Ma kien hemm ebda ġebla bħall-oħra. Darba Żakkarija Cilia għoddhom. Kien hemm xi sittax-il mitt moll.

***Kulmin jidħol fil-knisja jistagħġeb bil-preċiżjoni.***
Kollox preċiż. Kien għadu mhux invjat u l-ġebel kien imqabbel preċiż. Il-lavur, id-dentijiet, kollha mqabbla.

***Kontu taħdmu xitwa u sajf?***
Fix-xitwa konna naħdmu xorta waħda, riħ u mhux. Ir-riħ ma kienx jaffettwana. Konna nitilgħu fuq, xorta waħda. Basta ma tkunx xita.

***Rigward il-ġebel, kien ferm ikbar minn ta' llum ?***
Imissu le! Kien hemm ġebel li kien fih tlett tunnellati l-waħda. Il-kapitelli kien fihom 45 pied ġebel.

***Allura kif kontu ġġorruha?***
Konna ngħabbuha blokka waħda fuq trakk. Imbagħad biex inneħħuha minn fuq it-trakk, kienu jinġabru t-tfal ta' l-iskola, li dak iż-żmien kienet qrib il-pjazza, jagħmlu *pull* u l-blokka kienet tiġi fuq ix-xaħx. Kull blokka, biex tonġorha trid titla', fuq fallakka, daqs kemm kienet tkun kbira.



***Biex tpoġġi il-filati, fuq hiex kontu toqogħdu?***
Konna noqgħodu fuq tavla waħda soda. Anke meta konna nkunu 70 pied għoli. Ma konniex nagħmlu żewġ twavel, biex noqgħodu aktar attenti. Konna nkunu jien u Żakkarija. U qatt ma nbarax ħadd.

Kull ġebla ġieli kienet tkun tlett piedi, b'pied u nofs wiesa. Dak iż-żmien kont immiddha.

## IL-FAĊĊATA

***Kif għamilt biex l-arkipjan, maħruġ il barra, żamm?***
L-arkipjan għamiltlu puntali tal-*Water Works* biex iżommuh. Issikkajthom bil-ventijiet. Fl-arkipjan hemm vapur *concrete* u ħadid.Tellajna fuqu l-friż u l-gwarniċjun bil-frontispizju b'kollox. L-aktar li fihom ġebel il-kantunieri. Kull ġebla hi ta' ħames piedi kwadri u pied u nofs wiesa.

***U l-kapitelli ?***
Il-kapitelli kien jaħdimhom l-iskultur Toni Camilleri, tal-Gims. Kienu jinħadmu isfel. Il-lavur kollu bl-idejn. Kelli naġġara mill-iprem u tas-sengħa.

***Il-frontispizju ġie kollox eżatt?***
Iva, il-frontispiżju jdur madwar il-Knisja kollha. Hu bid-dniefel. B'kollox ħadna sentejn biex għamilnieh u ħa ħdax-il mitt vieġ ġebel (11,000). Il-ġebel minn ta' Randu ġebel safi, kollu kulur wieħed. Il-ġebel kien Lm 1.50 il-vieġ. Toni dejjem kien jerħielna.

## IL-KOPPLETTI

***Xi tgħidli fuq il-koppletti żgħar li hemm madwar il-knisja.***
Hemm tmien koppletti. L-irġiel kienu jitkellmu bejniethom "Kif ser jagħlaqhom il-koppletti?" Jien kelli idea kif. Iż-żewġ lunetti nibtu minn isfel, iltaqgħu ma' xulxin u fformaw il-kopppletta. Kull kopppletta domna fiha bejn tlieta jew ħamest ijiem. Il-Perit stagħġeb kif ġietni l-idea. L-ewwel għaqqadniha u l-anqas jumejn m'għamilna fiha.



## IL-ĦNEJJIET TAL-KOPPLA

***Kemm jistagħġbu t-turisti bil-ħnejjiet tal-koppla! X'tgħidli fuqhom.***
Dawk il-ġebel tagħhom kollu mibrum. Minn isfel jidhru preċiżi, bil-fil b'kollox. Minn kolonna joħorġu erba' ħnejjiet, tnejn żgħar u tnejn kbar. Il-ħnejjiet tal-koppla x'ħin tħarsilhom minn taħt taħsibhom sejrin jinqalbu. Kif taf int, hemm tmien ħnejjiet. Li kieku l-ħnejjiet saru dritti minn kolonna għal oħra, il-koppla kienet tiġi forma ta' skorfina, jiġifieri ottangolari. Ħadt xogħol aktar biex il-koppla nagħmilha tonda. Tajjeb li wieħed iħares lejn l-arkati minn taħt u jara kif inhuma mibnijin u mibrumin.

***U dwar l-arzellel?***
Hemm seba' arzellel. Vitor tal-Qanfuda li bena Ta' Pinu u għamel ħafna arzellel, kien jiġi jara x-xogħol u kien jistagħġeb bl-eżattezza. Ġieli kienu jiġu anke periti ingliżi u kienu jgħidu "Dawk bellezza", tant il-fil kien ikun eżatt.

## IL-KOLONNA LI ĦABTET MAL-KNISJA L-QADIMA

***Il-knisja fiha tmien kolonni ...***
Iva, dawk kien għamilhom Toni, ħija. Ħadmu ħafna bit-torn: Ġorġ ta' Kurġuna, Nisju u tant oħrajn.

Il-kolonni tal-koppla fihom tnax-il virga, ħadid tal-pulzier. Il-vireg twal sittin pied u ċ-ċintorin kull erba' pulzieri.

Imbagħad hemm in-nofs kolonni u waħda minnhom kienet ħabtet eżatt mal-knisja l-qadima. X'għamilt?

Kelli ngħolli l-kolonna mill-art u nibda'l fuq mill-bini tal-qadima. Għax kieku kelli nħott dik il-parti tal-qadima, kienet taqa'

l-koppla tal-qadima. U aħna ridna li l-knisja l-qadima tibqa' shiħa, biex isiru l-funzjonijiet fiha sakemm nibnu madwarha.

***Allura x'għamilt?***

Allura serraħt fuq il-bini tal-qadima u għamilt żewġ travi tal-ħadid bir-ras u tellajt ħmistax il-filata u telgħet il-knisja kollha. Imbagħad wara, x'ħin tlesta kollox, neħħejna l-qadima u bnejt mill-art in-nofs kolonna sakemm għaqqadtha mal-kumplament tal-binja.
Din kienet idea ta' l-għaġeb.
Kont naf x'għamilt ...

## TISQIF TAL-KOR

***X'għamiltu biex issaqqfu l-kor, dak l-għoli kollu?***

Ġorġ ta' Kurġuna, li kien mastrudaxxa, bin is-sengħa, għamel il-forma ta' l-injam. Minn ħnejja għal oħra, il- "kurva" kien fiha żewġ piedi u nofs fond. Ġorġ kien ħa jagħmel il-forma bl-injam. U għalaqt tlett ħnejjiet tal-maġġuri. Kellna tlett forom. Il-Perit qalli " Sew ġejjin". Xi ħadd kien ħaseb u qal li huma terzjati, jiġifieri barra mill-kumpass, iżda fil-fatt kienu mija fil-mija kumpass.

***Kemm iddum biex tagħlaq arzella ?***

Darba għamilna imħatra li dik l-arzella, fejn hemm illum il-Madonna tar-Rużarju, irrid nagħlaqha f'ħamest ijiem. Kien fiha 39 filata. U bil-għajnuna t'Alla rnexxielna. Il-ħaġa kont naraha lesta. Kont inpittirha f'moħħi. L-Arċipriet Grech, Alla jagħtih il-ġenna, ġieli kien jiġi jistaqsini, "Imma dik il-ħaġa jew il-ħaġa l-oħra, kif se tagħmilha?" Jien kont ngħidlu, "dik qisni qed naraha lesta". U kien iserraħ rasu.

## IĊ-ĊIRKU TAL-KOPPLA

***Fl-istorja ta' raħalna, għandna miktub b'ittri tad-deheb il-ġrajja taċ-Ċirku tal-Koppla.***

Kien is-16 ta' Lulju tal-1964, il-Festa tal-Karmnu. L-Arċipriet, ġurnata qabel, għamel appell lill-ħaddiema kollha, lil kulmin kien jiflaħ biex jagħti daqqa t'id. Dan ried jitlesta f'ġurnata. Il-ħaddiema kienu lesti li joqgħodu anke bil-lejl biex iċ-ċirku tal-koppla jingħata kollu bil-*concrete*. Kien hemm ħafna ħaddiema li ma marrux għax-xogħol tagħhom biex jagħtu l-għajnuna tagħhom.

Għadni niftakar li fl-4.00 a.m. ġew sparati xi murtali biex il-ħaddiema jinġabru fil-ħin biex jinbeda x-xogħol. Il-konkos bdejna ntellgħuh minn erba' bnadi b'erba' *mixers* żgħar u s-siment kien jinġarr fuq il-bejt bil-karretti. Ma kienx hawn *cranes* bħal-lum. Kollox bl-idejn. Ix-xogħol beda mill-5.30 a.m. u sas-7.00 p.m. kien lest.

Ma nistax ma nsemmix il-miraklu li sar tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Ġwann. Fin-nofs siegħa ta' wara nofsinhar instema' għajjat kbir minn fuq il-bejt tal-knisja, "Warrbu, warrbu!" Meta kien qiegħed jittella' l-*concrete* min-naħa tas-sagrestija, kien hemm ħafna nies. Waqt li kien tiela' it-tank tal-*concrete* ħabat mal-*platform* li kienet magħmula mit-travi tal-ħadid. Travu minnhom ċeda, beda nieżel, jaħbat minn banda għal oħra, iżda għall-grazzja t'Alla ma weġġa' ħadd. Veru kien miraklu.



***Mela kemm ħa dan iċ-ċirku?***

Għaċ-ċirku ħlejna 960 xkora siment, kważi elf b'kollox. Għamilna tnax-il siegħa xogħol bla waqfien.

***Kemm hu wiesa', l-gwarniċ tal-koppla?***

Wiesa' ħames piedi ... tgħaddi karozza minn fuqu.

***Ma wżajtux cranes?***

*Cranes* f'Għawdex ma kienx hawn. Kollox bil-gobbja. Kollox bl-idejn ... antarjoli, gobbja ta' l-injam, *vinċ* ta' l-idejn.

***U ngenji ma kellkomx?***

Miraklu kbir. Sar kollox bl-idejn. Anke s-siment konna nħalltu kollox bl-idejn, bil-pali. Imbagħad għall-koppla kellna *mixer*.

***Allura kif kontu ttellgħu l-concrete dak l-għoli kollu?***
Konna ntellgħuh f'kaxxa kbira li kienet tesgħa sittax il -barmil.

## XIBKA TAL-KOPPLA

***Niġu għall-bini tal-koppla. X'armar użajt biex tibnu l-koppla?***



Il-Perit ried li nordnaw travi tal-ħadid mid-*Dockyard*. Mar jiċċekkja u wara xi jiem qalli li l-ispiża titla' madwar Lm 4,000, li dak iż-żmien kienet somma enormi. Jien għidtlu biex ma jordnax. B' Lm 4,000 nibni knisja oħra.

***Imbagħad x'għamiltu?***
Għamilna xibka tal-wajer, wajer sod li jgħaddi minn ġol-*concrete*. Għamilna toqba tal-pulzier u nofs fil-*concrete*. Il-wajer kien fih il-lastku ġo fih biex ma jagħmilx ħsara lill-ġebla sabiħa tagħna. Imbagħad il-wajer minn barra ssikkajnih bl-iskrejjen. Il-wajer ta' l-azzar kont xtrajtu xi Lm 60 minn Malta.

***Imbagħad?***
Il-wajer kien oħxon pulzier u nofs. Kien sod. Kien jiġi forma ta' *squares* marbut bil-*clips*. Imbagħad xtrajna gverta ta' vapur. Għamilna l-*frames*, kollox bil-viti. Il-Perit għall-ewwel qalli: "M'intomx ser timxu fuq il-wajer hux?" Imma kollox kien sew u maħsub.

***Allura dan kien jiflaħ?***
U żgur! B'kollox fuq il-wajer kelli piż ta' ħmistax-il tunnellata fallakki ta' l-injam. Għabbejt fuqu għoxrin tunnellata ġebel u nies. U aktar ma tgħabbih, aktar jissoda. Qisek miexi fl-art. Meta għamilna kollox, l-Arċipriet baqa' mistagħġeb. U ħdimna, u bħala għamilna xibka oħra,'l fuq minnha. Dak kien l-armar biex bnejna l-koppla.

***Ġieli bżajt?***
Darba bżajt. L-armar fuq il-wajer kien sod. It-twieqi tal-koppla kienu għadhom miftuħin u r-riħ beda jonfoħ mill-punent.L-armar b'kollox bil-qawwa tar-riefnu tela, l fuq. U jien għidt lil Żakkarija: "Ħa jitfagħna! X'jonfoħ ir-riħ! Ara l-piż kif refgħu kollu!" L-injam kien marbut bil-viti. Kollox kien immontat. Imma kieku baqa' tiela' l-armar 'l fuq, ir-riħ kien jarmina b'kollox!

***U x'ġara mbagħad?***
Alla jbierek u imbierek l-isem tiegħu, ma ġara xejn. Ir-riħ waqaf u reġa ġie kollox f'postu. U bqajna naħdmu bħas-soltu.



## IL-KOPPLA

***Niġu għall-koppla.***
Pjanti ma kellniex. Il-Perit kien miet, imma kellna r-ritratt jew *sketch* tagħha: minn barra u minn ġewwa.

***X'għamiltu?***
Ħadna r-ritratt jien u Żakkarija u morna nħażżuha ġol-bitħa ta' Magro. Ħadna skritt u lapes. "Jiena ngħidlek u int, Żakkarija, ikteb!". U ħażżiżniha mill-ewwel sa l-aħħar, kollox preċiż. U qbilna.



***Kemm-il pilastru fiha?***
Fiha sittax-il pilastru tal-*ferro concrete* marbutin b'ċirku fuqhom u dawn żammew il-koppla.

***Fiha wkoll l-essijiet?***
Iva, dawn l-essijiet jew voluti huma għall-gost. Dawwarna il-koppla b'sittax il-volut, mhux biex inżommu l-piż tal-koppla, iżda bħala gost.

***Għall-qtugħ tal-ġebel, x'għamiltu?***
L-ewwel darba li vvintajna l-*cross-cut* kien biex naqtgħu l-ġebel, kont jien. U

bil-*cross-cut* ħdimna l-koppla kollha. Bil-*cross-cut* iffrankajna nofs ix-xogħol għall-galglu jew kargnu.



*Ikkupjajt minn fuq xi ħaġa?*
Ma' stajtx nikkopja minn fuq xi knisja oħra. Kollox oriġinali.

*Kemm domtu?*
Fil-koppla kollha, domt fiha tnejn u għoxrin xahar, bil-lanterna b'kollox.

## IT-TWIEQI TAL-KOPPLA

*Il-knisja togħġob lit-turisti. "Kemm hija mdawla l-knisja", jgħiduli.*
U żgur! Il-knisja fiha sittax-il tieqa. Kull waħda hi għaxar piedi wiesa' u għoxrin pied għolja. Tgħaddi xarabank minn kull waħda. It-twieqi fihom il-kolonni tal-konkos. Kull kolonna fiha tnax-il virga u ċintorin kull erba' pulzieri. X'ħin ġejt biex nagħmel l-arkitrav, ħsibt li noħroġ mensla magħha u żejjintha b'rużun. B'din l-idea, ix-xogħol ta' sena lestejnieh fi tlett ġimgħat.

*X'qisien fiha l-koppla?*
Iċ-ċirkonferenza tagħha hi 263 pied minn barra. Il-koppla fiha bejn 40 jew 45 filata. Il-globu l-isfar wiesa' 83 pied.

*U biex tagħlaq il-koppla ?*
Meta ġejna biex nagħlqu l-koppla, kien hemm min staqsa lill-Arċipriet, "Dan kif ser jagħlaq koppla bħal dik, kemm hi kbira u wiesa' b'dijametru ta' 83 pied u ċirkonferenza ta' 263 pied minn barra?" L-Arċipriet kien jafda fija u staqsieni. Jien serraħtlu moħħu. Jekk tiflaħ l-art nibqa' tiela' 'l fuq. Fil-fatt, wara 22 xahar tlestiet u għalaqniha.

*U l-Arċipriet?*
Kien igħidli, "Agħmel int. Taf x'tagħmel". Bil-għajnuna t'Alla, qatt ma ddubitajt.

***Min kien jiġi jara x-xogħol, x'kien igħid?***
Darba ġie Mons. Vigorelli, saċerdot u perit tal-Vatikan. Qalli: "Iġri mad-dinja kollha. Nieħdok miegħi, bħalek ma rajt lil ħadd". Iżda jien għidtlu, "Ma niġix".

*Ġew xi periti wkoll?*
Iva, darba ġew xi periti u staqsew lill-Arċipriet, "Dan il-bennej, f'liema università studja?" L-Arċipriet beda jitbissem u qalilhom, "Dak bil-kemm jaf jikteb ismu". Baqgħu b'ħalqhom miftuħ kemm stagħġbu!

*U x'kienet l-aħħar biċċa xogħol fil-koppla?*
Il-lanterna. Ġebel ma kellnix. Randu kellu blata wieqfa. Il-kullar ta' taħt il-lanterna kien fih żewġ piedi. Kien hemm min qal li sa San Ġwann ma' nlestuhiex! Jien żgurajthom: "F'sitt ġimgħat inlesti." F'sitt ġimgħat lestejna, eżattament fit-12 ta' Mejju 1970.

*U rigward is-salib?*
Is-salib tqiegħed fuq blokka ta' żewġ tunnellati konkos. L-Arċipriet qalli "Tgħid intellgħu is-salib bil-*helicopter*?" Tinsiex li qegħdin għoli ta' 254 pied!" Jien għidtlu, "Għalija xorta. Tridx intellgħuh jien u Żakkarija?" U tellajnih jien u Żakkarija bl-idejn, b'biċċa gubja. F'kemm ilni ngħidlek poġġejnieh f'postu. Mas-salib għamilnielu ramel tar-Ramla fil-bażi tal-konkos.



*L-aħħar kelma tiegħek?*
Il-bini tal-Knisja kien miraklu kbir. Ħa ngħidlek din: kieku ma tkunx l-għajnuna t'Alla l-Imbierek, ma tasalx!




Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

# Iż-Żewġ Imħabbiet MARIJA

## *"Ġesù u Marija jieħdu ħsiebi...*



## "MAMMA!"

***Hekk kien isejħilha Patri Piju lill-Madonna:***

** Għażiża Mamma tiegħi!*
** Sbejħa Mamma!*
** Omm Ħelwa tiegħi!*
** Imqaddsa Omm tiegħi!*
** Mamma tas-sema!*
** Imbierka Omm!*
** Wisq ħelwa Marija!*
** Is-Sbejħa Verġni Marija!*

**Dawn kienu qishom noti ta' sinfonija ta' mħabba ħerġin minn qalb Patri Piju**
***"Ti saluto O Maria e saluta Gesù da parte mia!"***
*(Insellimlek O Marija u sellili lil Ġesù għalija)*

*Mill-ktieb "Pensieri, Esperienze, Suggerimenti di Padre Pio" a cura di Padre Gerardo Di Flumeri - S. Giovanni Rotondo (1997)*

## MEJJU U PATRI PIJU

***X'insibu miktub fid-dokumenti personali tiegħu:***

** Kemm hu sabiħ ix-xahar ta' Mejju. Hu l-isbaħ xahar tas-sena!*
** Dan ix-xahar ixandar tajjeb il-ħlewwa u s-sbuħija ta' Marija!*
** Ix-Xahar ta' Mejju għalija hu x-xahar tal-grazzji!*
** Sa fl-aħħar reġà wasal ix-xahar tas-sbejħa mamma tiegħi! Din il-mamma għażiża ta' qalbi tissokta tieħu ħsiebi b'għożża ta' omm, speċjalment f'dan ix-xahar ta' Mejju. Kif nista' nfisser bil-kliem il-konsolazzjonijiet li nħoss f'qalbi matul ix-xahar iddedikat lill-Mamma tiegħi tas-Sema?*

## DEVOT KBIR TA' MARIJA

** Kemm il-darba ftaħt qalbi mal-Madonna u urejtha d-diffikultajiet u l-uġiegħ ta' qalbi? Oh kemm il-darba farrġitni!*
** Fis-slaleb il-kbar ta' ħajti donni nħossni li m'għandix Omm f'din l-art, imma għandi Omm tassew ħanina fis-Sema.*
** Nixtieq li kelli leħen hekk qawwi, li nsejjaħ lill-bnedmin tad-dinja kollha biex jibdew iħobbu lill-Madonna.*
** Nistinkaw aħna lkoll bħalma għamlu n-nies qaddisin*
*- li nimxu wara din l-Omm Imbierka*
*- li nimxu qrib tagħha*
*Għax m'hemmx triq oħra li twassal għall-ħajja ħlief dik li minnha għaddiet l-Omm tagħna Marija.*

**"J'Alla l-Verġni Marija taqlagħlna d-don tal-imħabba lejn is-Salib, lejn it-tbatija u lejn is-sagrifiċċju. Hi li kienet l-ewwel waħda li poġġiet fil-prattika b'mod radikali l-Vanġelu qabel ma ġie mxandar jew miktub."**

# ta' Patri Piju u KRISTU



Il-Beatu Patri Piju tal-Pjagi ser jiġi solennament kanonizzat f'Ruma fis-16 ta' Ġunju 2002

## *...u jagħmluha ta' ġenituri tiegħi"*

*- Patri Piju*

## ĠESÙ: IT-TEŻOR TA' QALBI

** Kemm hu twajjeb Ġesù! Veru li hu twajjeb ma' kulħadd. Iżda b'mod speċjali huwa twajjeb ma' dawk li jirsistu biex iħobbuh b'qalbhom kollha.*

**Ġesù hu l-kewkba li jmexxi dejjem il-passi tagħna kollha matul id-deżert tal-ħajja preżenti. Hu jwassalna fiż-żgur fil-port tas-salvazzjoni.*

**Għażiż Ġesù, tħalli qatt li jien nitlef lilek, l-aqwa teżor prezzjus li għandi.*

**Kieku nista ntir, nixtieq ngħajjat b'leħen għoli, b'kemm għandi saħħa f'gerżumti, u ngħid lil kulħadd: "Ħobbu lil Ġesù!"*

## L-AWGURJU TA' PATRI PIJU

*Ġesù jkun dejjem:*
*- Is-Sultan!*
*- Is-Sid ta' qalbek!*
*- Jagħnik bil-grazzja tiegħu,*
*- Ikabbar dejjem f'ruħek l-imħabba tiegħu divina,*
*- Jittrasformak fih!*
*- Jagħmlek qaddis!*
*Dawn huma x-xewqat li jien nitlob lill-Mulej għalik!*

## APPOSTLU TA' KRISTU

*"Akkost ta' kollox jien lest li nsoffri kollox għar-rebħa tal-glorja t'Alla...*

**Għalija biżżejjed ħaġa waħda: li jien qatt ma nkun mifrud minn imħabbtu!*

**Nixtieq intir mal-erbat irjieħ tad-dinja biex inħeġġeġ lill-ħlejjaq kollha ħalli jħobbu lil Ġesù!*

**Kif jista jkun li nara lil Alla tant imnikket mill-ħażen tad-dinja u ma nitnikkitx jien ukoll?!*

## MILL-ITTRI TA' PATRI PIJU



** Int li qed tgħix imdawwar min-nies mingħajr fidi, mingħajr kuxjenza, li għandhom dejjem id-dagħa fuq xofftejhom u l-mibgħeda lejn Alla f'qalbhom, l-uniku u l-aħjar mezz biex int tibqa fidil lejn Alla huwa dan:* ***Ersaq kuljum biex tirċievi lil Ġesù fil-mejda ta' l-Anġli*** *(jiġifieri t-Tqarbin Imqaddes).*

** Għix kalm u ħalli qalbek tistrieħ fuq il-Qalb Divina ta' Ġesù mingħajr biża' ta' xejn. Hawn, f'din il-qalb ta' Ġesù int issib il-kenn mit-tempesti kollha. Kuraġġ mela u dejjem 'l quddiem!*

** Jaħasra kemm offiżi jirċievi Ġesù mill-bnedmin! Inħoss demmi jiksaħ meta naħseb kemm hawn nies li ma jikkorispondux mal-imħabba!*

# Jitfakkar il-50 Sena Saċerdozju ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi

*Minn Mons.Ġiovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali*



Is-Sibt 6 t'April 2002, fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex inżammet konċelebrazzjoni djoċesana b'tifkira tal-ordinazzjoni saċerdotali ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi. L-Isqof Cauchi kien ġie ordnat saċerdot fl-istess Katidral nhar id-29 ta' Marzu 1952 mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace.

Flimkien ma' Mons. Isqof Cauchi kkonċelebraw in-Nunzju Apostoliku Mons. Luiġi Conti, l-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca, L-Isqof Awżiljarju Mons. Annetto Depasquale u l-Arċisqof Mons. Pawlu Giglio. Ikkonċelebraw ukoll għadd kbir ta' saċerdoti mid-djoċesi kollha.



Għal din il-konċelebrazzjoni kienu preżenti wkoll l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż immexxijin mill-Prof. Dr. Guido Demarco, President ta' Malta.

Fl-omelija tiegħu, l-Isqof Cauchi beda biex ifisser li dik kienet għalih okkażjoni ta' radd il-ħajr, u bi kliem l-Appostlu Missierna San Pawl "*Debitor sum*", stqarr li huwa jħossu midjun. "Jien inħossni obbligat lejn Alla u lejn il-bnedmin", stqarr Mons. Cauchi.

Id-dejn tiegħu ma' Alla, l-Isqof fissru prinċipalment minħabba l-ħolqien tiegħu, l-magħmudija tiegħu, il-vokazzjoni saċerdotali tiegħu li wasslitu sa l-artal u dan iż-żmien ta' grazzji abbundanti minn għand il-Mulej.

Fost il-bnedmin li lejhom l-Isqof iħossu midjun jiġu fl-ewwel post il-ġenituri tiegħu stess li minn għandhom hu ħa mhux biss trobbija mibnija fuq prinċipji sodi nsara imma fihom huwa sab



ukoll appoġġ bla ma qatt waqaf tul dawn il-ħamsin sena tal-ħajja saċerdotali tiegħu. Mons. Isqof Cauchi semma wkoll il-gratitudni tiegħu lejn l-għalliema edukaturi tiegħu minn ċkunitu sa żmien l-istudji tiegħu fis-seminarju u fl-universita` ta' Ruma.

Kelma oħra ta' gratitudni l-Isqof ried ifissirha lill-kooperaturi kollha tiegħu għax, kompla jgħid Mons. Cauchi, "L-Isqof għandu biss par għajnejn, l-idejn u r-riġlejn huma ta' ħafna nies oħra biex ikompli l-appostolat tiegħu." "Din ir-rikkonoxxenza", qal Mons. Cauchi, "għandi





nfissirha mhux biss lejn tant u tant saċerdoti, imma wkoll lejn tant lajċi, għax huma wkoll huma msejħin biex ikunu appostli fil-qasam tal-Mulej."

Lejn tmiem il-konċelebrazzjoni, nqrat ittra li l-Papa Ġwanni Pawlu II kiteb lill-Mons. Isqof għal din l-okkażjoni tal-ġublew tad-deheb saċerdotali tiegħu. L-ittra fit-test oriġinali bil-latin inqrat minn Nunzju Mons. Conti u mbagħad inqrat ukoll it-traduzzjoni tagħha bil-malti.

Il-Papa fisser il-ferħ tiegħu għall-ħidmiet imwettqin mill-Isqof Cauchi fid-djoċesi ta' Għawdex tant fiż-żmien li fih kien Amministratur Apostoliku kemm ukoll wara li ġie maħtur bħala Isqof Djoċesan. Il-Papa faħħar il-ħidma ta' Mons. Cauchi f'diversi oqsma tal-ħajja pastorali, speċjalment bil-predikazzjoni assidwa tiegħu u bid-diversi pubblikazzjonijiet fuq suġġetti morali u soċjali li tagħhom Mons. Cauchi huwa l-awtur."Waqt li ntennu s-sentimenti ta' mħabbitna lejk", kompla jikteb il-Papa, "nitolbu li l-Mulej iħallsek bil-kotra".

Attendenza sabiħa ħafna mliet il-korsija prinċipali tal-Kattidral. Is-servizz ta' l-artal ingħata mis-Seminaristi u l-kant kien esegwit mill- "*Chorus Ecclesiae Cathedralis*" li għen ħafna biex dawk preżenti setgħu jipparteċipaw fil-kant liturġiku. Il-funzjoni ntemmet billi l-ħames Isqfijiet preżenti resqu lejn l-artal u flimkien taw il-barka tagħhom lill-ġemgħa fil-Katidral. Fl-aħħar sar riċeviment għall-parteċipanti kollha, fosthom mistidnin ewlenin, familjari u ħbieb ta' Mons.Isqof.




Ta' Pawlu



**Bar & Restaurant**

*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382

**4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.**

**ATTARD'S FURNITURE**

***For all kinds of Furniture***

- *Main & Spare Bedrooms,*
- *Sitting rooms,*
- *Dinning rooms*
- *Wall-Units, &*
- *Loose Furniture*

**N.B. Fortunato Mizzi Street Victoria Gozo. Tel. 21556760**




### Talb għall-Paċi fil-Lvant Nofsani u l-Assedju ta' Betlem

Fuq xewqa tal-Papa, nhar il-Hadd, 7 t'April sar talb fil-Knisja kollha għall-paċi fil-Lvant Nofsani. It-Tnejn, 15 t'April imbagħad, il-Papa stess esprima s-solidarjeta' tiegħu mal-Patrijiet Franġiskani magħluqa fil-Bażilika tan-Nativita' f'Betlem, u radd ħajr għax-xhieda nisranija tagħhom. It-telefonata saret waqt il-laqgħa tal-Papa mal-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm Michael Sabbah. Il-Patri Fanġiskan Ibrahim Faltas, kustodju tal-bażilika, irċieva telefonata mill-Patrijarka Sabbah, li qal li kien fil-preżenza tal-Papa. Il-Patrijarka qal lil Faltas li l-Papa xtaq ikellmu biex jagħtih messaġġ għall-kompanji tiegħu. Minn meta l-knisja tan-Nativita' ġiet invaduta fit-2 t'April minn 200 Palestinjan u mbagħad assedjata mit-truppi iżraeljani, aktar minn 30 Franġiskan jinsabu magħluqa fil-monasteru tal-bażilika. 'Kuraġġ!' qal il-Papa lil Faltas. 'Komplu r-reżistenza u l-kustodja tal-postijiet qaddisa'.

### Proposta ta' soluzzjoni

L-Arċisqof Jean-Louis Tauran, Segretarju ta' l-Istat għar-relazzjonijiet ma' l-Istati, insista fuq il-bżonn li tinħoloq forza militari indipendenti biex tintemm il-vjolenza fil-Lvant Nofsani. Dan għamlu waqt intervista fuq ir-Radio Vaticana, waqt li sejjaħ ukoll għal soluzzjoni ta' l-assedju fuq il-Bażilika tan-Nativita' f'Betlehem.

Sa minn Novembru 2000, il-Vatikan appella għal qawwa indipendenti biex ittemm il-vjolenza fl-Art Imqaddsa, għalkemm hu konxju tal-kumplessita' ta' l-inizjattiva, la darba ż-żewġ naħat m'humiex fuq linja waħda. L-Arċisqof Tauran jemmen li din it-tielet forza għandha taħdem bħala "ħabib li jasal fuq ix-xena biex jifred liż-żewġ ġellieda, li mhux biss jisparaw għal xulxin, iżda m'humiex kapaċi jħarsu lejn xulxin". L-iskop ta' din il-forza, qal, "għandu jkun li ssikket l-armi, toħloq klima ta' fiduċja f'xulxin u twassal liż-żewġ ġellieda lura biex joqgħodu bilqegħda madwar il-mejda tan-negozjati".

Rigward Betlem, Tauran qal li l-*istatus quo* tal-Bażilika nkiser mill-Palestinjani li fittxew refuġju fiha waqt li huma armati. Qal li saret "problema umanitarja" peress li hemm "200 bniedem armat ma' xi 30 patri u soru", li għalihom hu indispensabbli li jiġu assigurati l-kundizzjonijiet minimi tal-ħajja umana.

Tauran wera fiduċja fil-missjoni tas-Segretarju ta' l-Istat Amerikan Colin Powel fil-Lvant Nofsani, għax seta jitkellem mal-partijiet involuti u jurihom mill-ġdid li "wieħed kontra l-ieħor, Iżraeljani u Palestinjani, qatt m'huma se jirbħu l-gwerra; flimkien jistgħu jirbħu l-paċi".

### Awstrija: Ir-Reliġjon tidħol mill-ġdid fil-ħajja pubblika

Skond Paul Zulehner, soċjologu ta' l-Unviersita' ta' Vienna, ir-reliġjon fl-Awstrija m'għadhiex definita bħala ħaġa privata. Zulehner analiżża r-reliġjon fil-pajjiż għal dawn l-aħħar 30 sena u preżenta r-riżultati lill-Konferenza ta' l-Isqfijiet ta' l-Awstrija. Qed tisparixxi "attitudni egoistika dwar ir-reliġjon, f'fidi mgħixha biss għalik innifsek jew għax twasslek biex tħossok sew". Dawn il-fatturi ġodda juru kemm kien falz it-tbassir li ftit ftit il-fidi se tgħib fl-Oċċident sekularizzat, qal Zulehner, kif ukoll jitolbu sforz pastorali akbar min-naħa tal-Knisja.

### L-Italja ħafret id-dejn ta' l-Uganda

L-Italja ħafret 83 miljun dollaru dejn li kellha tieħu mingħand l-Uganda. Intagħżlet l-Uganda minħabba r-rotta li ħa l-President Yoweri Museveni ta' l-Uganda li naqqas ir-rata ta' l-inflazzjoni u segwa struzzjonijiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji globali, fisser Alfredo Mantica għan-naħa tal-gvern taljan. L-Italja qed tikkonsidra li taħfer id-dejn tas-Sudan, Kenja, Eritrea, Etijopja, Somalja u Djibouti. Dan huwa l-frott tal-appell tal-Papa.

### Il-Papa l-Ġdid

Peress li meta jagħlqu t-80 sena l-kardinali ma jibqgħux eliġibbli biex jivvotaw fl-għażla tal-Papa, issa li żewġ kardinali taljani, Virgilio Noe u Dino Monduzzi għalqu din l-età, hemm 126 kardinal eliġibbli għall-vot fil-konklavi papali. Mela issa, l-għadd ta' prelati taljani fost il-kardinali eletturi hu biss 20, jiġifieri 16 fil-mija tat-total, l-inqas rappreżentanza li qatt kellha l-Italja.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (8)



# Il-Messija Mistenni

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

Anki fost il-popli pagani ta` qabel Kristu ma kinitx nieqsa għal kollox l-idea ta' xi ħadd li kellu jżur id-dinja biex jeħles lill-bnedmin mill-ħażen tagħhom. Hekk kważi fil-mitoloġija kollha tal-popli antiki, hemm ċerti elementi komuni, kienu jaħsbu li fil-bidu, l-ewwel bnedmin kienu jgħixu ħajja ħienja, imbagħad il-bnedmin tgħażżnu u tilfu l-hena tagħhom. Ħafna għalhekk kienu jittamaw li fl-aħħar jerġa` jiġi l-istat primittiv, u għalhekk kienu jistennew li jiġi liberatur.

Dawn l-elementi huma mħalltin ma' leġġendi vojta neqsin mill-verita`, imma l-elementi li semmejna – kif josserva l-Kardinal G. Siri (*La Rivelazione* p.129) huma biżżejjed biex "jixhdu aspirazzjoni profonda, imbegħda u misterjuża, sofferenza intensa u tama moħbija". Ir-reliġjonijiet pagani u l-misteri tagħhom ma kienux biżżejjed biex jissodisfaw, u kienu jixxenqu għall-era ġdida. Ix-xewqa ta' liberazzjoni, ta' paċi, ta'ġid u ta' salvazzjoni kienu jinħassu anke fil-popli li ma kellhomx ir-Rivelazzjoni. Fost il-Profeti ta' żmien l-eżilju u ta' wara l-eżilju, għandna lill-Eżekjel li jħabbar lil Messija bħala re universali u paċifiku (Eż. 17,22-24) dixxendenti ta' David (Eż. 1,37,24) u lil Danjel (Dn. 17,13.14).

## Tħejjija għall-miġja tal-Messija

Il-Bibbja fil-kotba tar-Rabta l-Qadima hija l-istorja tat-tħejjija għall- miġja ta' Kristu, il-Feddej mistenni. Fil-bidu kienu biss id-dixxendenti ta' xi familji li kienu jistennew lil dak li kellu jifdihom. Iktar tard kien poplu sħiħ, li ġie ddestinat minn Alla biex iżomm ħajja fih din it-tama u jistenna l-Feddej. Huwa l-poplu Iżraelita.

Fil-ktieb tal-Ġenesi, l-ewwel ktieb tal-Bibbja, insibu n-narrazzjoni ta' l-ewwel dnub ta' l-umanita`, imma propju fl-istess ktieb hija mħabbra l-wegħda li Alla għamel lill-pro-ġenituri tagħna, cioe` li iben ta' mara kellu jifdi d-dinja.

Iżda peress li l-popli xterdu 'l hawn u 'l hemm u kotru d-dnubiet, it-tifkira tal-wegħda ma baqgħetx ċara bħal qabel. Alla għalhekk ried li fost il-ġnus tad-dinja jkun hemm ġens li jżomm dejjem ħajja din ix-xewqa tal-Messija u li t-tifkira tal-wegħda magħmula minn Alla tgħaddi minn nisel għall-ieħor, billi kull missier jgħallimha lill-uliedu. Minn pajjiż imbiegħed, qrib il-Babilonja, Alla sejjaħ bniedem ta' ħajja tajba, Abram, u wegħdu li jagħmlu missier ta' poplu kbir u li minn dak il-poplu joħroġ il-Messija li jġib il-fidwa lill-bnedmin.

Id-dixxendenti ta' Abram għaddew minn pajjiż għall-ieħor, sakemm waslu fl-art imwegħda, immexxijin minn Mose`. Din l-art ġiet imqassma fost it-tnax it-tribu ta' Iżrael.

Għaddew mijiet ta' snin minn meta l-poplu ta' Alla stabilixxa ruħu fil-Palestina sakemm deher fuq l-art il-Messija mwiegħed. Imma x-xewqa ta' dak li kellu jiġi u l-istennija għalih, baqgħu dejjem qawwija fil-poplu Lhudi, għax minn żmien għal żmien Alla kien jibgħat fosthom il-profeti u l-mibgħuta tiegħu li kienu jħabbru il-ħidma li kellu jwettaq il-Messija mistenni.

Il-profeti tal-Liġi l-Qadima għalhekk, huma l-intermedjari bejn Alla u l-poplu ta' Iżrael. Huma jieħdu ħsieb iżommu u jħarsu fis-safa tiegħu l-ideal morali u reliġjuż tal-liġi. Kellhom il-missjoni li jżommu dejjem ħajja fil-poplu l-idea tal-Messija u l-aspettativi tiegħu, waqt li jxandru b'dettalji dejjem iktar kuluriti, il-figura ta' Messija u l-opra tiegħu.

Xi wħud minn dawn it-tħabbiriet ġraw fi żmien bikri ħafna, bħal ma hija dik li għamel Ġakobb waqt li kien qiegħed imut: "Ix-xettru minn id Ġuda ma jitneħħiex, u l-ħatar minn bejn riġlejh, sakemm iġibulu l-ħaraġ, u minnu l-ġnus jisimgħu"(Ġen. 49,10).

Riferenza għall-Messija tinsab ukoll fil-ktieb tas-Salmi (Salm 2): "Għax jien għamiltu s-sultan tiegħi, fuq Sijon, l-għolja mqaddsa tiegħi!...Ibni int, jien illum nissiltek. Itlobni, u l-ġnus nagħtik b'wirtek, u truf l-art bi priża tiegħek." Is-Salm 110 jgħid: "Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek!"

Fit-tieni ktieb ta' Samwel naqraw (2 Sam 7,12-

16): "U meta inti (David) ttemm żmienek, u tkun striħajt ma' missirijietek, jiena nqajjem nislek warajk, nisel ħiereġ mill-ġewwieni tiegħek, u nsaħħaħ is-saltna tiegħu. Huwa jibni dar lil ismi, u jiena nsaħħaħ it-tron tas-saltna tiegħu għal dejjem. Jiena nkun għalih missier, u hu jkun għalija iben. Jekk jagħmel il-ħażin, jiena nwiddbu bl-istess bastun tal-bnedmin, u bid-daqqiet li jagħtu l-bnedmin. Imma t-tjieba tiegħi lejh qatt ma nwarrabha għal kollox minnu,...Il-familja tiegħek u s-saltna tiegħek jibqgħu sħaħ għal dejjem quddiemi. It-tron tiegħek jibqa' sħiħ għal dejjem."



Profeta ta' qabel l-eżilju li ħalla miktubin it-tħabbiriet tiegħu kien Iżaija, li ħabbar it-twelid minn Verġni, d-divinita' tal-Messija kif ukoll il-Messija bħala "Qaddej Sofferenti". Hemm ukoll profeti żgħar, bħal Mikea li ħabbar il-post fejn kellu jitwieled Kristu.

Il-Poplu ta' Alla anki fi żmien Kristu kien ilu jistenna bil-ħerqa l-miġja ta' Liberatur imwiegħed minn Alla biex iġib il-ħelsien u r-rebħ lil Iżrael u permezz ta' Iżrael lid-dinja kollha. Dan il-Liberatur kienu jsejħulu Messija, l-Mibgħut, il-Midluk, li bil-Grieg hija tradotta "*Kristos*". Din it-tama messjanika tinħass fil-kotba Mqaddsa tat-Testment il-Qadim.

## Fi Kristu twettqu l-profeziji

F'diversi ċirkustanzi tal-ħajja tiegħu fuq l-art, Ġesu' applika għalih innifsu t-titlu ta' Messija kemm bi kliem ċar (ara Ġw 4,26; Mat. 26, 63-64; Mk. 14,61-62) kif ukoll bi kliem ieħor li għandu l-istess tifsira, speċjalment fil-bidu tal-ministeru pubbliku tiegħu. Wara li telgħa fis-sema, l-Appostli li marru jippriedkaw fid-dinja kif bagħthom huwa, kienu jagħtu dan il-messaġ li Ġesu' li ġie msallab, qam minn bejn l-imwiet, telgħa fis-sema, kien il-Messija li fil-persuna tiegħu u f'għemilu seħħ dak li kienu kitbu fuqu l-profeti.

Għalhekk min irid jistudja iktar mill-qrib min kien u x'għamel Kristu, għandu bżonn jifli kemm jista' jkun bir-reqqa il-profeziji messjaniċi, fejn Kristu jidher bħala sultan (jew mibgħut ta' Alla) li jirbaħ id-dinja għal Alla u jreġiha fl-isem tiegħu. Jieħu fit-tul wisq li kieku kellna niflu kull waħda minn dawn il-profeziji, għalhekk sejrin naraw xi wħud bħala eżempju. Dawn il-profeziji intqalu f'diversi epoki ta' l-istorja ta' Iżrael, (Lhud 1,1) ċioe` mhux kollha f'daqqa waħda, fil-bidu inqas fil-għadd, u iktar tard bdew isiru iktar numerużi, iktar ċari u preċisi, speċjalment fil-kotba ta' xi wħud mill-profeti l-kbar u ta` xi wħud miż-żgħar.

Ta` min jinnota l-karattri ewlenin, li skond il-profeziji kellhom jidhru fil-Messija. Kellu jitwieled minn Verġni, ġewwa Betlem, u jkun mir-razza reali ta' David, u li bil-mewt jirbaħ fuq l-għedewwa tiegħu.

Kull min jammetti l-istoriċita tal-Evanġelji kanoniċi, ma jistax ikun li ma jħossux milqut bix-xebħ li hemm bejn Ġesu` u l-Messija mħabbar fir-Rabta l-Qadima. Dan ix-xebħ mhux xi ħaġa li saret kumbinazzjoni, iżda huwa l-pjan ta' Alla li twettaq matul iż-żminijiet. Ġesu` Kristu hu l-Messija mistenni minn Iżrael, huwa wettaq fih innifsu t-tama messjanika.

Ir-Reliġjon tal-Lhud kienet reliġjon tat-tama, li tħares lejn il-ġejjieni, li tistenna. Il-punt ċentrali tagħha kien it-twemmin fil-Messija fil-Feddej li kellu jiġi, u li kien mistenni mill-Patrijarki u mħabbar mill-Profeti. Issa dak kollu li kien ġie mħabbar minn qabel dwar il-Feddej, twettaq ħaġa b'ħaġa fi Kristu.

Fil-qosor ser insemmu hawnhekk, dak li ħabbru il-Profeti dwar il-Messija mistenni. Kellu jkun min-nisel ta' David (Iżaija 11, 1-2). It-twelid tiegħu jiġri f'Betlem (Mikeja 5,2) kellu jitwieled minn Omm Verġni (Iżaija 7,14). Huwa jiġi msejjaħ Iben ta' Alla (Iżaija, 2,7). Kellu jissejjaħ Nazzarenu, raġel minn Nazareth (Iżaija 11,1). Huwa jiġġudika l-foqra bil-ġustizzja (Iżaija 11,14). Jeħduha kontra s-saltna tiegħu, iżda din tibqa' għal dejjem (Iżaija 2,1-4). Jagħmel ħaqq mill-bnedmin kollha u jinkuruna bil-glorja lill-ġusti (Iżaija 24-28). Ser ikun l-bniedem tad-duluri, imżeblaħ u l-iktar baxx fost il-bnedmin (Iżaija 53). Huwa għad jinbiegħ għal tletin biċċa tal-fidda, u l-flus jintużaw biex tinxtara l-għalqa tal-fuħħari (Żakkarija 11,12-13). Jingħata minn rajh, ma jiftaħx fommu, jittieħed bħal ngħaġa għall-qatla, u jkun imbikkem bħal ħaruf f'idejn min iġiżżu (Iżaija 53,7). Jinfdulu idejh u riġlejh u tintefa x-xorti fuq ħwejġu (Iżaija 21,17-19). Ikun dawl għal ġnus u jġib is-salvazzjoni mit-truf ta' l-art (Iżaija 49,6). "Alla tas-sema, waqqaf saltna li qatt ma tinqered"(Daniel 2,44).

Kristu, li fih twettqu dawn il-profeziji, huwa l-Feddej imwiegħed. Huwa ġie mibgħut minn Alla. Għalhekk it-tagħlim tiegħu ġie mogħti b'awtorita` divina, huwa ċioe` tagħlim li ġej minn Alla. B'hekk Huwa stqarr id-divinita` tiegħu.

BOOKMARK

# Ktieb Ġdid Dwar l-Istorja Mużikali ta' Għawdex

*Grazio A. Grech, Debono Printing Press. pp.95, 2002,Lm2*




*Dan l-aħħar ġie ppubblikat ktieb bl-isem ta' "Mill-Istorja Mużikali ta' Għawdex". Dan jiġbor fih tagħrif storiku dwar mużiċisti, kantanti, mużika sagra u Maestri di Cappella Maltin u Għawdxin li matul il-medda tas-snin 1710-2000, kellhom konnessjoni mal-qasam tal-mużika fil-knejjes ta' Għawdex.*

*L-awtur, is-Sur Grazio.A.Grech, li b'din il-pubblikazzjoni s'issa diġa' ppubblika erba' kotba b'konnessjoni ma' l-istorja mużikali f'Għawdex, qassam il-ktieb tiegħu f'erba' taqsimiet. Il-kontenut ta' dan il-ktieb kompla mela vojt kbir li kien jeżisti fl-istorja tal-qasam kulturali mużikali f'Għawdex. Fl-ewwel taqsima nsibu tagħrif dwar għadd kbir ta' mużiċisti u kantanti, kemm Maltin kif ukoll Għawdxin, li b'xi mod jew ieħor kellhom konnessjoni diretta ma' Għawdex. Fit-tieni taqsima l-awtur jagħti tagħrif dwar il-mużika sagra ta' dawk il-Maestri di Cappella li mexxew il-mużika fil-festi f'Għawdex.*

*L-awtur jagħlaq din it-taqsima billi jagħti lista twila ta' kompożizzjonijiet ta' mużika sagra arkivjata f'Għawdex.*

*It-tielet taqsima hi ddedikata għall- bijografiji qosra ta' dawk il-Maestri di Cappella, Maltin u Għawdxin, li matul il-medda tas-snin taw is-sehem tagħhom f'Għawdex. Fost dawn insibu lil Dun Ġużepp Burlon, Pietru Pawl Buġeja, Vincenzo Bondi, Angelo Galea, Mons Ġużeppi Farruġia (tal-vers), il-kanonku Dun Ġorġ Mercieca, Dirjanu Lanzon u wliedu, Akille u Pawlu, Anton Buhagiar, Ġużeppi Giardini Vella, Dun Luciano Baluci, Mons.Dun Martin Portelli, Colin Attard, Profs. Joseph Vella u oħrajn.*

*Fir-raba' taqsima, is-Sur Grazio A.Grech jagħmel xi kummenti waqt li jagħti wkoll ħames paġni ta'referenzi mnejn l-awtur kiseb il-materjal.*

*Il-kopertina tal-ktieb turi s-suffara mużikali li Mro. Dirjanu Lanzon kien juża biex jintona l-mużiċisti tiegħu. Il-ktieb hu mżewwaq b'għadd mhux ħażin ta' ritratti u dokumenti. Il-ktieb jiswa Lm2 u jista' jiġi akkwistat direttament minn għand l-awtur (Tel.21555320), jew mil-Lumen Christi Bookshop u librara oħra f'Għawdex.*

*Anthony Grech*

John Portelli Ent. Ltd.
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36

# IL-KTIEB IDEALI MATUL MEJJU!




*Ktieb ieħor ġdid ta'*
*Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi*

*Għandek għal kuljum*
*Riflessjoni Qasira,*
*Sentenza ta' Qaddis,*
*Storja ħelwa,*
*Fjurett u Ġakulatorja.*

*Ħames minuti kuljum mal-Madonna,*
*fi ktejjeb "pocket-size" ta' 96 paġna,*
*qoxra bil-kulur, Lm 1 biss,*
*mill-ħwienet ewlenin tal-kotba*
*reliġjużi f'Malta u Għawdex.*

**Toqgħodx mingħajru!**

**LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS - Tel. 2156 0496**



# Vinyard

**Bar & Restaurant**
Mgarr Road,
Victoria Gozo.



For Reservation and Enquiries
**Tel: 2155 9976**
**Tel/Fax: 2155 6966**

## *Caterers*

*for Special Events*
*like*
***Weddings,***
***Engagements,***
***Birthdays,***
***Baptisms,***
***Holy Communion,***
***Confirmation,***
***Staff Parties, etc.***

***Surrounded by mystical***
***Country Side,***
***The Vinyard Hall***
***has a capacity of***
***200 seating and***
***60 more seating***
***at the entrance garden***

Letteratura Għawdxija

# Il-Fliegu

Poeżija ta'
Francis Sultana

*Sa minn ċkuniti, ommi nisslitli
gżira għal ġmielek, ħalli ngawdik,
kif mill-qorriegħa fl-għolja tal-Gudja
stajt ħarsti nimraħ, tapit niflik.*

*Nara 'l Kemmuna għadma ta' ħawħa
fil-fond mwaħħla ġo nofs griżmejk,
l-ilma li tibla' għal biex taqlagħha
dawra jdur magħha minn ġo mnifsejk.*

*B'wiċċ sajfi mieles u ikħal bħan-nir,
tbennen xi dgħajsa lubien f'għaxija,
fiddien titliegħeb mal-qamar kwinta,
kif lilha tħannen f'iljiel sajfija.*

*U jekk jiftillu li lilek jinbex,
ir-riħ li jaqbel, punent-lbiċ,
dik żaqqek ratba, bil-ħrief timtela,
ta` rasek tagħmel, taf tgħid "Ma rridx!".*

*Jew jekk Nettunu mqit jamarlek,
li sejjer jofroq wiċċek b'xarretti,
bi żwiemel bojod bla lġiem misjuqa,
arak kull qoxra tankra b'manetti.*

*Tbeżża` s-sajjieda, tbeżża l-baħħara,
kif b'sakra fuqek tinfexx fi żfin,
theddidhom, tgħajjat, tkisser u titħan,
jew sħan tiblagħhom, lesti għad-dfin.*

*Għax b'rasu jdur kull min jiftillu
jażżarda jaqsam bi pruwa għal djulek,
gost tieħu tkabru, tgħollih u tmegħku,
'k itħallih ħaj, jibqa jafulek.*

*Ma nafx kif nibda naħsibha fuqek,
hux bi tpaxxija meta tkun mieles,
huwiex minn jeddek li taf tkun iebes,
intix tassew għal kollox ħieles.*



# Qronfli

*Fresh & Artificial Flower Arrangements for all occasions*

***Specialising in: Wedding Bouquets, Church and Reception Decorations, Funeral Wreaths***

***We sell also Souvenirs, Holy Images, and Invitations for Baptism, First Holy Communion, Confirmation and Weddings***

**46, Mikiel Farrugia Street, Xagħra, Gozo. Tel. 2155 2759**

# The Showcase

## SCICLUNA

***HOUSEHOLD GOODS***

The household department store for the housewife, with two levels, where one can find his home need, under one roof, with very competitive prices, quality and service.

THE GIFT SHOP WITH AN EXCLUSIVE RANGE OF GIFTS FOR ALL YEAR ROUND SPECIAL OCCASIONS

## CANE SHOP

***THE "NUMBER ONE" IN GOZO***

The wicker and rattan shop with a vast range of cane furniture. We can also accept nonstandard sizes according to the customer request.

**Scicluna Household Goods (Gozo) Ltd. - 32 Palm Street, Victoria VCT 103.**
***Tel: 2155 4137 - 2155 6493 Fax: 2156 1681 Email: sciclunajg@vol.net.mt***

# SQUARE CELLAR

***Widest Selection of***
***Wines and Spirits of all kinds***
***American, English & French Cigarettes***
***Finest Cigars and Pipe Tobaccos***

**Prop.: Joseph Grech**
**24, St. George's Square, Victoria - Gozo. Tel: 2155 1845 or 2155 6141**

***SPECIAL DISCOUNTS ON LARGE ORDERS***




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Is-Sitt Parti )*

F'din it-taqsima se naraw kif dari kien isir il-ġarr tal-prodotti tal-biedja, x'kien isir għand il-pitkal u nibdew ngħidu xi ħaġa dwar il-flus ta' dari.

**Il-ġarr**

Il-prodotti u l-egħlejjel tal-biedja jitrabbew u jikbru fir-raba' u fir-razzett. Għalhekk, minn hawn iridu jinġarru. Fil-każ tal-prodotti tar-raba' jinġarru jew biex jittieħdu r-razzett inkella biex jittieħdu l-pitkalija, is-suq, inkella għand ix-xerrej jew sensal fil-każ ta' prodotti li jitkabbru fi kwantitajiet kbar. Il-pitkalija hija s-suq fejn il-bidwi jieħu l-prodotti tiegħu biex jinbiegħhu bl-ingrossa lix-xerrejja li min-naħa tagħhom ibigħu l-prodotti bl-imnut mill-ħwienet tal-ħaxix. ***Bl-ingrossa*** tfisser bil-qatigħ jew fi kwantitajiet kbar, ***bl-imnut*** tfisser ftit ftit lill-parrċċani individwali.

Fil-każ tar-raba', il-prodott jista' jinġarr ftit ftit sat-triq fuq l-ispallejn, għalhekk raba' bħal dan jissejjaħ ***raba' ta' l-ispallejn***. Hemm, imbagħad, raba' ieħor fejn il-prodotti jistgħu jinġarru fuq dahar il-bhima li jkollha mixdud fuq daharha l-pennell. ***Il-pennell*** ikun bħal xedd maħdum mid-drapp tal-luna fuq qafas żgħir ta' l-injam u li miegħu jistgħu jintrabtu l-prodotti li l-bidwi jkun irid iġorr. Raba' fejn il-prodott li jitkabbar fih jista' jinġarr b'dan il-mod jissejjaħ ***raba' tad-dahar***.

Fl-aħħar nett il-ġarr jista' jsir bil-karrettun tax-xogħol. Il-karrettun Għawdxi jikkonsisti minn xatba u żewġ roti, li fuqu ġie li jintramaw żewġ lasti weqfin biex il-prodott ma jinqalibx fuq ir-roti. Il-karrettun tax-xogħol jista' jkun ta' daqsijiet differenti skond il-bhima li tiġbdu. Għalhekk, hemm karrettuni tal-ħmara, tal-bagħal jew tal-bagħla u taż-żiemel. Il-karrettun irid ikun jiġi sewwa lill-bhima li tiġbdu. Xi drabi jista' jiġi adattat billi l-ewwel dagħla, ta' qabel is-salib, jagħmluha ġejja għat-tond. Is-salib isir biex il-karrettun ikun sod u ma jiżżegligx.

Il-prodott jinżamm sod fuq il-karrettun billi jintrabat bi żbula apposta, imsejħin ***swiegel***. Kull siegla, li fl-antik kienet tissejjaħ ukoll ***ġerr***, tinżamm fuq il-karrettun billi meta ma jkollux bżonnha l-bidwi jorbotha f'sura ta' marella ma' waħda mid-dalgħat jew traversi tal-karettun.
Xi drabi l-bidwi kien jagħmel benniena taħt ix-xatba tal-karrettun. Fil-benniena l-bidwi kien iġorr xi għodod u xi ftit prodotti ħalli jeħodhom id-dar jew fir-razzett għall-użu tiegħu. Il-benniena kienet tkun tax-xkejjer tal-ħuta, inkella ta' l-inċirata jew tal-luna.

Il-bidwi jidħol u joħroġ fir-raba' tiegħu minn mogħdijiet apposta. Hemm mogħdijiet biex wieħed jidħol bil-mixi, imsejħin ukoll passaġġ, inkella bil-bhejjem li jġorru fuq il-pennell, jew inkella għall-karrettun. Il-bidwi jista' juża biss dik il-mogħdija jew mogħdijiet li jkollu d-dritt igħaddi minnhom.Il-mogħdijiet jistgħu jkunu jew fir-raba', inkella fuq il-ħajt f'sura ta' ċangar. Iċ-ċangar ikun magħmul minn ċanguni jew knaten kbar mimdudin maġenb xulxin għall-wisa' tal-ħajt.

Dari t-toroq tal-kampanja kienu kollha dojoq ħafna, iżda xi kultant ikun hemm daqsxejn ta' wesgħa biex żewġ karrettuni sejrin lejn direzzjoni opposta jkunu jistgħu jgħaddu. Meta din il-wesgħa kienet tkun 'il bogħod, kienu jżarmaw il-karrettun il-vojt biex l-imgħobbi jkun jista' jgħaddi, imbagħad jerġgħu jarmawh in-naħa l-oħra u hekk il-karrettuni jkunu jistgħu jibqgħu sejrin.

Xi drabi l-ġarr kien isir ***bit-titnija***. Il-bhima tiflaħ terfa' aktar meta timxi fil-wita milli għat-



telgħa. Billi Għawdex għandu ħafna toroq bit-telgħa, xi drabi l-ġarr bil-karrettun kien isir b'dan il-mod. Per eżempju, jekk fil-wita l-bhima tiflaħ terfa' sitt qratal għeneb u għat-telgħa erba' qratal, meta jaslu f'riġel it-telgħa kienu jħallu żewġ qratal fuq il-ħajt jew għall-ġenb u l-bhima titla' b'erbgħa. Fil-vjieġ li jmiss jagħmlu l-istess. Imbagħad, il-karrettun jerġa' jinżel biex jieħu dawk l-erbgħa qratal li jkunu tħallew fil-ġenb. Dan il-mod ta' ġarr, bit-titnija, kienu jinqdew bih ukoll fil-każ tal-ġebel, billi dari l-ġebel kienu wkoll iġorruh bil-karrettuni, xi drabi karrettuni apposta b'injam oħxon imsejħin tal-ġebel. Il-kelma ***titnija*** ġejja mill-verb tenna, għamel għal darbtejn jew irrepeta, billi parti mit-tagħbija titgħabba u tinġarr darbtejn.

Fi żmien il-kavallieri, fit-triq il-karrettuni kienu jżommu fuq il-lemin. Iżda meta ġew l-Ingliżi s-sistema nbidlet u bdew iżommu fuq ix-xellug bħat-traffiku ta' llum. Bil-lejl kull karrettun kien obbligat bil-liġi li jġorr xi dawl. Fl-antik kien hemm imnajjar apposta, iżda fis-seklu għoxrin il-bdiewa kienu jużaw lampi li ma jintfewx bir-riħ. Lampi bħal dawn kienu jissejħu minn x'uħud ***bombetta***.

Billi llum il-ġurnata l-karrettuni naqsu ħafna, il-ġarr isir jew fil-kaxxa li tinġibed minn xi moħriet jew *cultivator*, inkella b'xi trakk jew vettura oħra iżgħar li tidħol mill-mogħdijiet minfejn qabel kien jidħol il-karretun.

## Għand il-Pitkal

Il-***pitkal*** huwa x-xerrej bl-ingrossa tal-prodotti tal-biedja mingħand il-bidwi, li min-naħa tiegħu jerġa' jbigħhom bl-ingrossa lill-bejjiegħa tal-merċa u tal-ħaxix, biex dawn imbagħad ibigħu l-prodotti bl-imnut lin-nisa tad-dar, klijenti tagħhom u l-pubbliku in ġenerali. Il-ħanut jew maħżen tal-pitkal jissejjaħ il-pitkalija. Talli jagħmel dan ix-xogħol il-pitkal jieħu qligħ ta' tant fil-mija, illum tmienja fil-mija, jew 6.25 fil-mija jħallasha l-bidwi u 1.75 iħallasha l-Gvern bħala sussidju. Dari l-pitkala kienu jaħdmu għal rashom. Illum il-pitkaliji huma ċentralizzati u l-pitkala ikollhom l-iskrivan tal-Gvern biex jiġi żgurat li l-bidwi jieħu l-prezzijiet mistħoqqa tal-prodotti tiegħu.

Dari l-kontijiet tal-pitkala kienu jsiru bi ħżuż speċjali fuq biċċa njama msejħa ***żifla***, li Malta jgħidulha ***talja***. Il-żifla jew it-talja kienet tkun ċipp tal-marki li jinżamm fil-pitkalija. Kienet tkun bħal lasta tal-għuda li fuqha l-pitkal kien iħożż id-djun u l-ħlasijiet b'sinjali li jifhimhom hu. F'Għawdex il-ħlas kien isir bil-muniti li jitqiegħdu f'bott apposta msejjaħ ***qannata***, aktarx għax fil-bidu flok bott kien ikun hemm qannata tal-fuħħar. Minn dana l-użu għandna l-qawl li jgħid "*Skond l-annata timtela l-qannata*". Fuq kull qannata kien ikun hemm l-isem jew il-marka li turi ta' min kienet il-qannata.

Il-prezz tal-prodotti kien jitla' u jinżel skond il-provvista u d-domanda. Meta l-prodotti jiskarsaw u d-domanda tikber, il-prezz jogħla. Meta l-prodotti jkunu kotrana u d-domanda tonqos, il-prezz jorħos. Meta jorħos ħafna, il-prodott jinbiegħ ***bl-iddoċċ***, u l-espressjoni Għawdxija kienet "b'iddoċċ" li tfisser li l-pitkal biex jeħles mill-prodott ibigħ b'kemm jagħtuh. Meta jiġri dan, il-bidwi jgħid li l-wiċċ hu mormi. Imma f'dan il-każ, iridu jkunu l-għaqal u l-esperjenza tal-pitkal biex jara kemm għandu jżomm jew jitlaq idejh.

Issa dan jiġri għax ħafna prodotti jilħqu f'daqqa. Jista' jiġri l-każ li, minħabba t-temp, il-prodott jilħaq aktar malajr. Per eżempju, il-fjuri tal-pastard tiftaħ aktar malajr jekk fil-waqt li tkun se tilħaq jagħmel temp sħun. Barra minn dan, meta

l-prodott ma jimradx, wieħed jistenna li jkun aktar kotran u abbundanti.

Dwar il-bejgħ mill-pitkaliji jrid jingħad li l-ewwel li jkollhom dritt jixtru huma dawk tal-merċa u tal-ħwienet tal-ħaxix. Meta mbagħad isir il-ħin, ikun jista' jidħol jixtri l-pubbliku. Meta prodott ma jinbiegħx u ma jibqax tajjeb biex jiġi neguzjat, il-pitkal ikollu dritt jarmih jew jagħtih lura lil sidu b'telf kemm għall-bidwi kif ukoll għalih innifsu.

### Il-Flus ta' Dari

Il-bejgħ u x-xiri jsiru bil-flus. L-istorja tal-flus f'Malta u Għawdex hi waħda twila, ġejja minn żmien il-qedem, miż-żminijiet klassiċi. Imma għal skop ta' folklor biżżejjed naslu sa żmien il-kavalieri. Dan għaliex xi flus ta' żmien il-kavallieri baqgħu jissemmew anki fi żmien l-Ingliżi, saħansitra wkoll wara li dawn daħħlu l-flus tagħhom f'dawn il-gżejjer, kif se naraw.

Nibdew billi ngħidu liema kienu l-flus ta' żmien il-kavallieri u kemm kienu jsarrfu. L-ewwel insemmu l-flus tar-ram, imbagħad tal-fidda u fl-aħħar tad-deheb. Dari ma kienx hawn flus tal-karti.

### Flus tar-ram

L-iżgħar munita kienet ***id-dinier***. Kien hawn ukoll in-nofs dinier. Hawn ta' min igħid li l-kelma "dinier" f'Għawdex għadha tintuża bħala laqam iż-Żebbuġ. Sitt dwiener kienu jagħmlu ***ħabba***. Tliet dwiener kienu jagħmlu nofs ħabba. Fid-dokumenti u fil-kontijiet il-ħabba kienu jirreferu għaliha bil-kelma "*grano*" bil-plural "*grani*".

Żewġ ħabbiet, naturalment, kienu jissejħu ħabbtejn, billi bil-Malti, minbarra l-plural, ma' xi kliem għandna wkoll il-għadd imtenni (*dual*). Minkejja li llum il-ħabba hija assoċjata ma'ħwejjeġ li jiswew ftit ħafna, imma xorta kienet flus, tant hu hekk li t-taqbila Għawdxija tgħid: "*Il-bastun ma jiswa xejn u t-tomna tiswa ħabbtejn.*" ***It-tomna*** hija bħal kappell għoli li kienu jilbsuħ is-sinjuri u n-neguzjanti. Barra minn dan, għandna wkoll l-espressjoni "bla ħabba", li għadha ħajja u li tfisser, bla flus xejn, fqir għall-aħħar, fixxa, lampa stampa jew *niċi fiċi*.

Ħames ħabbiet kienu jissejħu ***ċinkwina***, minn *cinque* bit-Taljan, li tfisser ħamsa. Iżda kien hawn ukoll in-nofs ċinkwina, li kienet tiswa ħabbtejn u nofs.

Munita oħra kienet ***il-karlin*** (mill-isem irjali "Karlu" billi ma ninsewx li xi ismijiet tal-flus ta' żmien il-kavallieri kienu jmorru anki qabel żmien l-istess kavallieri). Karlin kien jiswa għaxar ħabbiet. Nofs karlin kien iċ-ċinkwina.

Munita oħra kienet ***l-irbiegħi*** (plural-irbajja'). Din kienet tiswa għoxrin ħabba jew żewġ karlini. Fil-kuntratti u dokumenti antiki l-irbiegħi kien jissejjaħ ***tari'*** (plural tibqa' tari').

L-aħħar munita tar-ram kienet ***il-patakka*** li kienet tiswa erba' rbajja'. In-nofs patakka kienet tiswa rbgħajjejn jew żewġt irbajja'. Il-kelma "patakka" f'Għawdex għadha tintuża wkoll bħala laqam. Kultant wieħed għadu wkoll jisma' l-espressjoni "Dak għalih ħajta erba' rbajja'", jiġifieri dak lest jonfoq il-flus fix-xejn, billi erba' rbajja' dari kienu flus biex wieħed imur jonfoqhom f'ħajta, li ma tiswa xejn.



**LANTERN**
**Guest House**
**Restaurant • Pizzeria**
MARSALFORN - GOZO

Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail. romx@vol.net.mt

SEA VIEW
APARTMENTS
ALSO AVAILABLE

**Links Travel** *Your link to the world!*

*Organisers for Group Tours, Honeymoons, and all other types of Worldwide Travel*

47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
***Tel:*** 356 2156 0180, 356 2155 6476
***Mob:*** 9949 5700 ***Fax:*** 356 2156 0181
***Email:*** travel@linksmalta.com
***Web:*** www.linksmalta.com

**Xerri l-Bukkett**



***Bar***
***Restaurant*** ***Pizzeria***
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 553500**



**GELAT TA' VERU... ...DOQTU???**
**BAXAN ORIGINAL**
**SMUGGLER'S CAVE**
***BAR • RESTAURANT • PIZZERIA***
IL-MENQA - MARSALFORN - GOZO
TEL: 551005 - 551983 FAX: 559959

**TEKNO ZONE**

**T.V.'s, Hi Fi Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.**

Call Peter & Maureen Mercieca

Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 09491809 / 09854176
e-mail: teknozon@maltanet.net



**IL TERRAZZO**
**Bar & Restaurant**
*• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •*

Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo



**FUQ L-INTERNET**

**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo**
**http://www.rtk.org.mt**

**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**




# IL-MUŻEW TA' L-ISTORJA NATURALI

(Is-Seba` Parti)

## Il-KNIDARJI

### *Il-Qroll*

Qroll huwa l-isem mogħti lill-membri ta' waħda mill-klassijiet ta' invertebrati msejħa ANTHOZOA fil-Fergħa tal-KNIDARJI (CNIDARIA). Dawn il-ħlejjaq jgħixu fil-baħar u għandhom skeletru protettiv magħmul mill-kalċju jew inkella jkollhom forma ta' siġra jew qrun taċ-ċerv b'ħafna friegħi. Dawn il-forom huma l-iskeletri li fuqhom jikbru l-polipi. Dawn l-iskeletri huma magħrufa wkoll bħala qroll.



Ser insemmi erba' kwalitajiet ta' qroll u nibdew mill-**Qroll Iswed** li jikber minn 10 sa 100 ċentimetru u li jifforma fuq il-qigħan ta' ħama f'baħar fond ħafna. Dawn l-ispeċi għandhom forma ta' siġra b'ħafna friegħi. L-iskeletru għandu lewn iswed ileqq u għalhekk dan it-tip ta' qroll, huwa mfittex ħafna biex jinħadem f'imsielet, ġiżirajjen, brazzuletti u mitt ħaġa oħra. Peress li dawn l-ispeċi jieħdu bosta snin biex jikbru jeżisti l-biża' li għad jinqerdu għal kollox jekk jibqgħu jinħabru bir-rata attwali.





Il-**Qroll Abjad** jikber sa 12 il-ċentimetru u huwa l-uniku speċi fil-Mediterran li tifforma skollijiet għalkemm dawn qatt ma jikbru iktar minn ftit metri wisa'. Fil-fatt fl-ibħra tal-Gżejjer Maltin dawn il-ħlejjaq qatt ma jirnexxielhom ikabbru s-sikek aktar minn xi 20 ċentimetru. Dan it-tip ta' qroll, li jinġabar biex jintuża għat-tiżjin jew għal ġo xi akwarju, jikber kemm fil-fond kif ukoll f'baħar baxx. Din l-ispeċi qed tinqered ukoll bil-mod il-mod.

Tip ta' qroll li nsibu f'numru kbir fl-ibħra tagħna huwa l-**Qroll tad-Dell** u huwa msejjaħ hekk għaliex appuntu jikber fid-dell taħt xfar ta' blat jew fl-għerien. Il-polipi li jgħixu fuqhom għandhom kulur oranġjo qawwi. Dawk li xi darba marru dawra bid-dgħajsa f'dawk l-għerien ta' madwar id-Dwejra setgħu lemħu u tpaxxew bil-kuluri sbieħ li n-natura toħloq b'dawn il-ħlejjaq.

Niġu issa għall-**Qroll Aħmar** li jikber fid-dlam tal-fond tal-baħar jew f'xi għerien mudlama moħbija mill-għajn tal-bnedmin. L-iskeletru għandu kulur ħamrani u xi drabi nsibuħ fil-kulur roża. Għalkemm jinsab bogħod mill-għajn l-eżistenza tiegħu qed dejjem tiġi mhedda minħabba dawk il-ftit li jinżlu jiġbruħ biex jinħadem f'ġojjellerija speċjalment f'postijiet bħat-Tuneżija u l-Greċja.

### L-Artikli

L-Artikli jinsabu taħt dan l-istess isem u fid-dehra huma totalment differenti. Dawn huma polipi kbar li jgħixu mwaħħlin mal-blat, mal-friegħi tal-alka u ma ħaxix ieħor tal-baħar jew inkella ma' qxur ta' annimali oħra bħal bebbux.

Insibu artikli li jidħlu jistaħbew fil-ħama jew fir-ramel u jħallu barra biss ħalqhom b'ħafna ringieli ta' swaba. Insibu l-**Artikla Ħadra** li fiha xi wisa' ta' 10 ċentimetri u tgħix f'xatt il-baħar f'ħofor fil-blat. Il-kulur tagħha bħalma jindika isimha huwa aħdar imma għandha l-kulur tat-truf tas-swaba' ħomor jew bojod. Din il-ħlejqa li tinsab komuni ħafna għandha madwar 170 saba' li jitwalu sa 15-il-ċentimetru.



Fl-ibħra tagħna nsibu wkoll l-Artikla Ħamra li hija wiesgħa madwar 4 ċentimetri u li tgħaddi ħajjitha eqreb wiċċ il-baħar minn seħbitha l-Artikla ħadra u tgħix fil-blat fejn sikwit iħabbat magħha il-mewġ. Din l-ispeċi għandha kulurha aħmar jgħajjat u nsibulha madwar mitejn saba' li huma xi żewġ ċentimetri twal. Meta din l-artikla tinkixef mill-ilma, għax il-baħar jofroġ, tipproteġi lilha nnifisha min-nixfa billi ddaħħal subgħajha f'ħalqha u tifforma ruħha qisha boċċa.

Il-Knidarji jieklu annimali oħra u għalhekk jissejħu karnivori u l-vittmi jistgħu jkunu kemm annimali bil-kemm jidhru għax ikunu ta' daqs mikroskopiku li jkunu jiġġerrew mal- kurrenti tal-ilma, kif ukoll oħrajn akbar, bħal ngħidu aħna gambli u ħut ieħor żgħir. Il-priża tinqabad permezz tas-swaba' li hemm madwar il-ħalq li fuqhom hemm mijiet ta' ċelluli speċjalizzati li għandhom bħal xagħra fina u meta xi annimal ieħor iħokk magħha ċ-ċellula malajr tispara ħajta twila minn ġo fiha.

Meta dawn iċ-ċelluli jisparaw il-ħjut biċċa jwaħħlu



w oħrajn jitkebbu madwar il-priża w oħrajn saħansitra jinfdu fil-ġisem tal-priża u jinjettaw velenu li jipparalizzaha u joqtolha. Fil-fatt meta xi ħadd imiss ma' xi brama jew artikla kbira dan jiġi maħkum minn ħruq, kultant insapportabli, fuq il-ġilda. Ħafna baqgħu mmarkati għal żmien twil minn dawn is-swaba'. Hekk wieħed jifhem malajr l-isem ta' din il-Fergħa CNIDARIA, liema kelma ġejja minn waħda Griega li tfisser żurrieq.

## Il-Bram

Bosta huma dawk li malli jisimgħu bil-bram, speċjalment meta jasal żmien il-għawm, jiddarsu għaliex jistgħu jtellfuhom milli jipprattikaw l-eżerċizzju tant importanti għas-saħħa tal-bniedem. U bir-raġun. Għax il-bram jagħmel mill-Fergħa tal-Knidarji, w allura jekk tersaq lejn xi waħda mingħajr ma tinduna u tħokk magħha tista' tiswielek l-uġieħ tal-ħruq li huma magħrufin għalihom dawn il-ħlejjaq. L-isem tekniku ta' dawn l-annimali huwa ***Schyphozoa***. Il-bram huma magħmulin minn żewġ saffi ta' tessuti. L-ewwel insibu dak ta' barra li jifforma l-ġilda tal-ħlejjqa, imbagħad hemm dak ta' ġewwa li jifforma l-ħajt tas-sistema diġestiva tal-annimal. Il-ħalq huwa l-uniku post miftuħ għall-barra u huwa mdawwar minn numru ta' swaba'. Bħalma tafu, l-għamla tal-ġisem tal-bram huwa dak ta' borża. Dawn l-annimali jgħaddu ħajjithom jgħumu f'wiċċ il-baħar u jkollom ħalqhom iħares l-isfel.



## L-Idrożoj

L-isem tekniku ta' dawn l-ispeċi huwa ***Hydrozoa*** u nsibu minnhom li jgħixu fl-ibħra w oħrajn li huma magħrufa bħala l-familja tal-ħajdri li jgħixu fl-ilma ħelu. Jeżistu ħafna speċi ta' idrożoj imma n-nies ftit taf bihom. Dan għaliex dawn il-ħlejjaq huma tant żgħar li mhux la kemm tarahom. Imbagħad dawk li huma ta' daqs kbir jieħdu sura ta' ħaxix tal-baħar u allura ma jintagħrfux. Tinduna bihom meta forsi jkun tard, x'ħin tħakkek ma` xi waħda minnhom u mmedjatament tħoss il-ħruq fuq il-ġilda ta' ġismek. Il-parti l-kbira ta' dawn l-idrożoj jgħixu f'kolonji. Bħalma għidna, il-polipi huma mikroskopiċi, iżda l-kolonji jistgħu jkunu kbar. Darba jsibu ruħhom f'dawn il-kolonji, mhux dejjem iżommu l-istess forma, u anke ħafna drabi jaqsmu x-xogħol bejniethom. Minħabba f'hekk, issib li jkun hemm min minnhom jaqbad il-priża u jikluha, oħrajn ma jkollomx swaba u jikkonċentraw fuq it-tnissil. Dan ma jfissirx li dawn ta' l-aħħar jibqgħu bla ikel, għax peress li l-polipi jkunu kolonja waħda, magħqudin f'ġisem wieħed, kull ikel li jittiekel jitqassam mal-kolonja kollha.



## Madre Margerita De Brincat - 5

# Tgħix Ħajja Franġiskana

jikteb Angelo Xuereb



Addis Abeba- Ethiopia

Madre Margerita xorbot mingħand Dun Ġużepp Diacono l-Ispirtu Franġiskan li għexitu b'mod intens matul il-ħajja tagħha.

Hija qatt ma kitbet trattat fuq l-ispiritwalità Franġiskana. Forsi ma sabitx ħin jew ma ħassitix denja li tikteb xi ħaġa sistematika. Iżda permezz ta' l-ittri tagħha hija turi l-ispiritwalità Franġiskana tagħha.

Biex nifhmu dan ikun xieraq li nqabblu lil San Franġisk ta' Assisi magħha. L-ispiritwalità tiegħu kienet ibbażata fuq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, Kristu msallab u l-Ewkaristija. Matul ir-Randan huwa kien isum filwaqt li jimmedita fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. San Franġisk ħadem kemm felaħ biex l-Ewkaristija titpoġġa f'post ċentrali fil-knejjes. Dan il-qaddis ta' Assisi kien jgħaddi ħin twil jitlob mitluf fl-imħabba lejn Alla, filwaqt li kien jinkuraġġixxi x-xogħol u ż-żelu appostoliku.

L-istess kwalitajiet insibuhom fil-persuna ta' Madre Margerita. Bħal San Franġisk il-Milied kellu sinjifikat speċjali, jiġifieri tifkira ta' l-imħabba ta' Alla li għandu għalina. Infatti għall-okkażjoni tal-Milied ta' 1931 kitbet hekk: "Inħarsu 'l fuq u nilmħu 'l Alla, li jinżel mill-ħdan tal-Missier divin tiegħu ta' dejjem u jiġi jieħu s-sura fqira tagħna l-bnedmin u jgħix bħala wieħed fost l-aktar foqra".

Hija kellha devozzjoni kbira lejn il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. L-imħabba tagħha lejh ma kenitx xi ħaġa sentimentali iżda fil-qiegħ tagħha mistika, jiġifieri ssofri għal Kristu bil-ferħ. Infatti hija tikteb "L-imħabba mingħajr ħafna tbatija, sagrifiċċju u umiljazzjoni m'hi mħabba xejn". Madre Paċifika li kienet qrib ħafna ta' Madre Margerita tgħidilna hekk kif kienet iġġib ruħha fil-Ġimgħa Imqaddsa. "Il-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira kienu għaliha l-isbaħ ġranet ta' ħajjitha. Kienet tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Knisja bl-akbar devozzjoni u tqanqil ta' l-ispirtu, bħallikieku hi kienet personalment preżenti waqt il-ġrajja tal-Kalvarju"

Fil-Ġimgħa l-Kbira hija kienet tkun imnikkta. Madre Paċifika tikteb "U jekk kienet titkellem kien biss biex tgħid: Kemm ħabbejtna!"

Bħal San Franġisk hija kienet devota ta' l-Ewkaristija. Il-fatt li hija daħlet biex tieħu ħsieb id-dar ta' l-Adorazzjoni fil-Belt Valletta-dar li sorijiet oħra kienu qatgħu qalbhom minnha tixhed din l-imħabba.

Jalla l-eżempju ta' Madre Margerita jgħinna nħobbu aktar il-persuna ta' Sidna Ġesù Kristu.





*15, Ramla Road, Nadur, Gozo, Malta.*
*Tel: 564890 Mob: 0942 5830*




57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

Varjetà kbira ta' Blinds u Shades tad-Drapp, Aluminium u Plastic, kif ukoll Fly Screens.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

Gozo Verticals & Shades Ltd.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 999 5001 - Fax 21562211

TAL-HWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi,*
*Frott Imqadded għall-Ħelu*
*u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.
TEL: 2156 2160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Id-Dinja tal-Ballun

Nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju, 2002 f'Seoul l-Koreja ser jingħata bidu għall-festa tal-ballun li tiġi kull erba' snin. Permezz ta' ċerimonja ta' madwar 15-il minuta ta' spettaklu ta' żfin , akrobazija u atmosfera ta' ċirklu, id-dinja kollha ser tinsa' xi ftit il-problemi tal-ħajja, il-gwerer u l-mard u s-segwi it-32 pajjiż finalista tas-sbatax il-edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2002 Koreja, Ġappun. Għal xahar sħiħ il-ħajja tagħna ta' kuljum u ta' miljuni ta'nies madwar id-dinja kollha ser tinbidel u tkun dominata mill-logħba tal-ballun.

Peress li l-logħob ser jintlab il-Koreja u l-Ġappun ser ikun hemm 7 sigħat differenza fil-ħin u għalhekk jista' jkun hemm xi problema biex insegwu l-64 logħba li jridu jintlabu. Il-ħinijiet kmieni fil-għodu huma nkonvinjenti u l-oħrajn jkunu fit-8.00 ta` fil-għodu meta wieħed normalment ikun xogħol.

Il-ħajja soċjali u tal-familja ser tkun ikkmandata mhux mill-arloġġ normali imma mill-ħinjiet tal-partiti. Il-ħajja fit-toroq waqt il-ħin tal-partiti speċjalment bejn timijiet segwiti hawn Malta tieqaf. Fil-ħin bejn il-partiti wieħed jassumi li jkun hemm raxx biex dak li jkun ifittex jagħmel xi qadja jew imur id-dar biex ikompli jsegwi l-logħob mid-dar. Jien ma nafx kemm is-*supermarkets* u ħwienet kbar hawn Malta addattaw għal dawn l-esiġenzi tal-logħba tal-ballun imma barra minn Malta ċerti *supermarkets* magħrufa mpjegaw ħaddiema *extra* għal dawn il-ħinijiet biex inaqqsu il-*queues* u rranġaw ix-xifts tal-ħaddiema biex dawn ikunu jistgħu jsegwu l-logħob ukoll. Barra minnhekk, kien hemm sentenza fil-Qorti fl-Ingilterra li tat raġun lis-sidien tal-ħwienet tax-xorb biex ikunu jistgħu jiftħu kmieni u jbigħu x-xorb anke fil-ħinijiet bikrin tal-ġurnata. Ċerti ħwienet li jbigħu *fast foods* ser jarmaw sa snienhom biex ilaħħqu mad-domanda akbar għal dan it-tip ta' ikel.



Anke il-qasam tat-turiżmu lejn Malta u anke pajjiżi oħra ser jieħu daqqa oħra wara l-att terroristiku tal-11 ta' Settembru 2001, għax dak li jkun minkejja xi roħs li jista' jkun hemm waqt iż-żmien tal-logħbiet jippreferi joqgħod id-dar jara l-logħob milli jmur vaganza f'dan iż-żmien. Dan in-nuqqas fl-ivjaġġar huwa temporanju u wieħed jistenna li jkun hemm żieda malli l-aħħar logħba tintlagħab fit-30 ta' Ġunju.



Barra t-turizmu anke attivitajiet kulturali jieħdu daqqa ta' ħarta. Ċerti linji tal-ajru bħall-*British Airways* u l-*Virgin* sa jinformaw lill-passiġġieri b'riżultati ta' partiti importanti. Mhux faċli li wieħed jippjana xi attivita' għax irid joqgħod attent li ma tkunx waqt xi logħba importanti. Anke linji tal-ferroviji ser jagħmlu l-istess fuq il-*boards* ta' informazzjoni fl-istazzjonijiet fil-bliet ta' l-Ewropa. Hawn Malta u Għawdex ċerti festi bħal tal-Qalb ta' Ġesu', San Ġwann Battista u l-Imnarja ser jkunu affettwati xi ftit.

Fil-Brażil, il-pajjiż miġnun għal-logħba tal-ballun, il-ħajja litteralment tieqaf f'dan iż-żmien ta' futbol u kull Brażiljan, mill-kbir saż-żgħir, ikun isegwi lill- benjamini tagħhom jilgħabu biex forsi għall-ħames darba mill-1958 iġibu t-Tazza tad-Dinja mill-ġdid f'pajjiżhom, wara li għal ftit kien fallilhom f'Pariġi 4 snin ilu. Pele kien ikkwotat li qal li fil-Brażil l-ewwel jiġi Alla u mbagħad il-futbol. Jiena għandi d-dubji tiegħi kemm dawn il-prijoritajiet il-Brażiljani jżommuhom għax naħseb li f'dawn il-jiem il-futbol jieħu post Alla! Fil-Brażil mhux il-ħwienet, il-banek u l-iskejjel biss jagħlqu iżda anke l-Kungress u ċerti ministeri bil-politiċi jingħaqdu fl-atmosfera karnivaleska li jafu jagħmlu l-Braziljani. Anke il-qrati tal-pajjiż mhux ser jisimgħu kawżi li ma jkunux urġenti u ser jibqgħu magħluqa sakemm it-*team* Brażiljan jibqa' fil-kompetizzjoni. Saħansitra anke l-isptarijiet inaqqsu n-numru ta' operazzjonijiet li jsiru. Dan huwa l-ġenn ta' poplu għall-futbol. Fil-Brażil il-ballun huwa l-qalba u r-ruħ tal-poplu li jagħtihom gost u li jgħaqqadhom flimkien, minkejja l-problemi soċjali li għandu dan il-poplu kbir.

Anke fuq livell ta' familja jkun hemm tħarbita sħiħa. Il-ħin ta' l-ikel u tal-irqad jinbidlu. It-telefon jibqa' jdejjqek iċempel. L-istudenti ħafna minnhom ikunu għadhom fl-aqwa tal-eżamijiet u għalhekk din ser tkun daqsxejn krudili u ta' żvantaġġ għall-istudenti. In-nisa tad-dar għal dawn il-jiem jissottomettu ruħom għal sitt sigħat futbol kuljum u xi ftit jidħlu fl-atmosfera tad-dinja tal-ballun u jibdew jitkellmu fuq dak il-fowl jew fuq dak il-*goal* qishom l-aqwa esperti tal-logħba. Mhix xi ħaġa stramba li l-membri fl-istess familja jappoġjaw timijiet differenti, u għalhekk ikun hemm sens ta' antagoniżmu li jagħmel il-logħba iktar interessanti. Dan huwa pożittiv għax fil-familja minflok ma jkun hemm it-tensjoni tinħoloq atmosfera ferrieħija.

Jien ma nafx jekk f'Malta ikunx hawn ħaddiema li jieħdu l-lief biex jaraw il-ballun, iżda barra minn Malta ċerti fabbriki jirranġaw ix-xifts biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jaraw ċerti partiti tat-tim tagħhom. Bħala kumpliment, barra settijiet tat-televixin jew anke skrins kbar jipprovdu wkoll ikel u xorb għal waqt il-logħba! Huma kkalkulaw mill-esperjenza tal-passat li iktar jaqblilhom li jagħmlu hekk milli jispiċċaw b'ħafna ħaddiema neqsin. Sa hemm kumpaniji li lill-ħaddiema jagħtuhom għażla biex ikunu jistgħu jmorru tard u mbagħad jaħdmu s-sigħat mitlufa wara l-mondjal. Dawn kollha huma miżuri li sar studju fuqhom u li sabu li ekonomikament jaqblilhom aktar milli jiffaċjaw nuqqas ta' ħaddiema li jitfa' l-produzzjoni lura.



Il-futbol u speċjalment it-Tazza tad-Dinja hija aljenazzjoni u mod ta' kif il-bniedem jaħrab mill-ħajja ta' rutina ta' kuljum u jinsa' x-xogħol u l-preokkupazzjonijiet tiegħu biex flimkien mal-ħbieb jew il-familja jaqsam dawk il-mumenti ta' tensjoni u emozzjoni. Igħaddi kemm igħaddi ż-żmien il-futbol jibqa' jiffaxxina lill-miljuni u miljuni ta' nies minn madwar id-dinja kollha. Huwa mediċina mill-aqwa!




# Xewkija Tigers Jirbħu l-GFA Cup għas-Sitt Darba

Xewkija Tigers kisbu dan it-tieni l-ikbar unur tal-Football Għawdxi meta għelbu 2-1 lil Nadur Youngsters f'din il-finali tad-29 edizzjoni. Kienet finali li bdiet fuq ritmu veloċi minkejja r-riħ li ħakem fil-Gozo Stadium fejn dan ikkundizzjona xi ftit l-andament tal-partita. Iżda wara l-intervall, il-logħba naqqset mill-veloċità tagħha u dan kien għall-fatt li l-bosta interuzzjonijiet li kellha l-iktar minħabba ċerti *fouls* prattikament farrku dan ir-ritmu.

Xewkija kienu determinanti li minn din il-partita juru l-vera saħħa tagħhom u kellhom xewqa kbira li jirbħu dan l-unur. It-Tigers taw wirja ta' karattru li ħasdet b'xi mod lill-avversarji. Huma qamu għall-okkażjoni u lagħbu b'ħeġġa u rieda kbira biex kisbu dak li riedu. Fil-fatt , minbarra ż-żewġ *goals* vantaġġ fl-ewwel taqsima, huma kienu sfortunati f'żewġ okkażjonijiet oħra meta laqtu l-lasti avversarji bil-*goalkeeper* megħlub.

Nadur min-naħa tagħhom ftit li xejn seta' jiġihom tajjeb. Fl-ewwel fażi sabu diffikultà, l-iktar biex jikkoordinaw flimkien, kif ukoll ħallew diversi spazji fit-tim u dan ikkawża pressjoni fuq id-difiża tagħhom li sibitha diffiċli kontra l-ħeffa ta' l-avversarji. Fit-tieni taqsima, appena reġgħu daħlu fil-partita minn *penalty*, l-isforzi tagħhom kienu l-iktar ibbażati fuq l-individwaliżmu u hawn bl-ebda mod ma setgħu jinfdu.

L-ewwel ċans tal-partita wasal min-Nadur meta wara żewġ minuti Evi Parker għadda tajjeb minn qalb id-difiża avversarja, iżda waħdu quddiem Debono ikkonkluda ftit għoli. Wara din it-theddida, Xewkija bdew il-pressjoni tagħhom fejn fis-6 minuta l-*captain* C. Azzopardi kien sfortunat meta bir-ras ikkonkluda mal-minduda l-corner ta' C. Camilleri. Imbagħad wara li Rais impenja lil Vella b'xutt fil-baxx, fl-10 minuta Xewkija fetħu l-iskor bi *freekick* dirett mill-isbaħ tas-solitu Benneth Njoku li sab l-anġlu minn daqs 25 metru bogħod. Nadur wettqu risposta immedjata, fejn erba' minuti wara Buttiġieġ kompla lejn Mraz li pplesja b'eleganza ballun għar-rokna, iżda sab risposta ta' l-istess kalibru mill-*goalkeeper* Debono li tar biex imblokka. Fuq in-naħa l-oħra imbagħad, wara kross ta' C. Camilleri, Rais b'daqqa ta' ras stupenda ġiegħel lil Vella jwieġeb bl-istess livell għal *corner*. Mill-istess corner fit-38 minuta mogħti minn Njoku, Lawrence Attard b'daqqa ta' ras stupenda rdoppja. Reġgħu kienu Xewkija li spiċċaw it-taqsima fuq l-attakk fejn żewġ minuti fuq il-ħin, Rais ħarab waħdu u hekk kif ra lil Vella ħiereġ fuqu tefa' fil-baxx għal ġewwa bil-ballun jispiċċa ma' sieq il-lasta u jkun ikklerjat.

Fit-tieni taqsima, reġgħu kienu Xewkija li ħarġu iktar aggressivi fejn wara ħames minuti minn kross ta' M. Camilleri, Rais niżżel lejn C. Camilleri li bir-ras impenja lil Vella. Imbagħad fid-9 minuta fuq in-naħa l-oħra f'azzjoni konfuża fil-kaxxa, Evi Parker spiċċa ma' l-art u mill-*penalty* Anthony Portelli



naqqas id-distakk. Dan il-*goal* mela bil-kuraġġ lill-Youngsters, tant li ħames minuti wara marru viċin id-*draw* b'azzjoni personali u xutt fil-baxx ta' Evi Parker salvat minn Debono. Iżda minn hawn il quddiem, Xewkija organiżżaw tajjeb fuq wara u iktar prudenti b'markar strett qatlu kull inizjattiva avversarja. Kien lejn it-tmiem li fi sforz aħħari li marru viċin li jsalvaw il-partita, iżda l-ewwel Debono salva fl-għoli l-kross ta' Mraz, imbagħad l-istess Mraz wara li daħal tajjeb fil-kaxxa dam jaħsibha biex jikkonkludi u fil-ħin mogħti żejjed, A. Portelli minn taħt il-lasti naqas li jigganġja l-ballun biex kull speranza taret mar-riħ li kien qed jonfoħ minn warajhom.

Fi tmiem il-finali, Lino Abela Scolaro, *Marketing Manager* ta' Central Cigarettes ippreżenta l-GFA Rothams Cup lil Charlie Azzopardi, *captain* ta' Xewkija Tigers.

***Nadur Youngsters jirbħuha għall-ewwel darba***

Nadur Youngsters irnexxielhom jirbħu din it-tazza ta' Jum il-Ħelsien għall-ewwel darba meta fil-finali huma għelbu 3-1 lil Għajnsielem. Dan kien it-tieni unur staġjonali għal Youngsters li fil-bidu tal-istaġun kienu rebħu wkoll it-Tazza Indipendenza. Dan is-suċċess ta' Nadur kien wieħed meritat fejn kienu huma li niżlu b'iktar determinazzjoni u b'mentalità ta' rebħ. Sa mill-ewwel minuti huma ħarġu jattakkaw fejn żammew lill-avversarji fuq in-naħa difensiva. B'din ir-rebħa, Nadur pattewha ukoll lill-avversarji li sena ilu kienu umiljawhom fil-finali ta' l-istess kompetizzjoni.

Għajnsielem min-naħa tagħhom niżlu għal-logħba xettiċi fejn saħansitra anke ħallew barra fuq il-bank tas-sostituti lin-Niġerjan Ngangue. Dan in-nuqqas inħass ħafna f'nofs il-ground fejn f'dan id-dipartiment ma setgħux ilaħħqu mal-ħeffa u l-grinta ta' l-avversarji biex l-attakk tagħhom kien iżolat wisq u b'hekk ma kinux inċisivi daqs is-soltu.

Nadur ħarġu fuq l-attakk fejn fl-ewwel minuti xutt ta' Evi Parker kien salvat minn Attard. Imbagħad fl-ewwel risposta nsidjuża ta' Għajnsielem fit-18-il minuta meta xutt minn barra l-kaxxa ta' Ihbuelu kien salvat f'żewġ attentati minn Vella. Fuq in-naħa l-oħra Wright falla bi ftit b'xutt minn barra minn madwar 25 metru bogħod. Nadur komplew juru l-aħjar logħob tagħhom fejn fetħu l-iskor fit-28 minuta meta ż-żagħżugħ Joseph Portelli approfitta minn żelqa tal-*goalkeeper* Attard u tefa' ġewwa.

Wara l-intervall Nadur komplew fuq l-offensiva fejn wara ħames minuti rduppjaw meta wara kross mix-xellug ta' Mraz, l-immarkat Saviour Farrugia b'xutt mill-ewwel tefa' fuq in-naħa l-oħra. Il-Youngsters komplew jinsistu fejn wara li A. Portelli bir-ras ġiegħel lil Attard isalva b'diffikulta' għal *corner*, fl-20 minuta kien J. Attard li kklerja minn fuq il-linja t-tentattiv ta' Farrugia. Madankollu kontra x-xejra tal-logħob, Għajnsielem naqsu l-iskor meta l-*goalkeeper* tagħhom tefa l-ballun 'l fuq fejn dan ibbawnsja quddiem Bonello biex daħal bħal vleġġa Alloysius Ihbuelu fejn antiċipa fil-lasti vojta l-ħarġa ta' Vella. Dan il-*goal* mela bil-kuraġġ lill-Blacks li tefgħu kollox fuq l-attakk biex isalvaw il-partita iżda kaġun ta' dan irriskjaw iktar, għax Nadur bdew jaħkmuhom bil-kontrattakki, fejn mal-45 minuta Evi Parker kien sfortunat li laqat il-mimduda, iżda minuta wara Nadur issiġillaw dan is-suċċess il-logħob perfett minn tarf il-kaxxa ta' Mark Buttigieg. Fl-aħħar sforz tagħhom, Għajnsielem marru viċin bi *freekick* ta' Grima salvat b'diffikultà għall-*corner* minn Vella.



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### ♦ *Min skopra l-Amerika, Kolumbu jew iċ-Ċiniżi?*

Storiku Ingliż għadu kemm ippubblika teżi li ħawwdet lil ħafna. Gavin Menzies ta' 64 sena jgħid li għandu provi li juru li Ammiral Ċiniż niżel fuq l-Amerika 70 sena qabel Kristofru Kolumbu. Menzies jagħti tagħrif minn mapep ċinizi, li nżammu għal snin twal sigrieti u li juru li kien hemm art kbira misjuba fil-Punent. L-argument ċentrali ta' Menzies hu li la darba tpittret din l-art kbira żgur li kien sabha xi ħadd qabel Kolumbu. Hu jikkonkludi li l-ewwel li niżel fuq l-Amerika kien l-Ammiral Zheng He, li bejn l-1403 u l-1433 mexxa seba` vjaġġi kbar fil-Punent.

### ♦ *Tgħix f'karrozza għal 26 sena!*

Stramba imma vera. Mara Ingliża ta' 60 sena, Ann Naysmith, ilha tgħix f'karrozza għal dawn l-aħħar 26 sena! Il-mara, li kienet għalliema tal-mużika, kienet tkeċċiet minn appartament tagħha f'Londra u bi protesta bdiet tgħix fil-*Ford Consul* tagħha. Dan ġara fl-1976. F'dawn l-aħħar ġimgħat l-awtoritajiet kellhom jordnaw lill-mara barra mill-karozza għax il-Ford kienet spiċċat fi stat diżastruż! Id-dar l-ġdida ta' Ann Naysmith illum hija *Mercedes* ta' lewn aħmar. Il-ġirien tagħha tant draw b'Ann Naysmith tgħix f'karozza li ddeċidew jixtrulha karozza bejniethom!

### ♦ *L-univers aħdar jew beige ?*

Astronomisti kienu jaħsbu li l-kulur tal-univers huwa aħdar ċar. Issa teżi turi li l-kulur tal-univers huwa *beige*! L-astronomista Ivan Baldry, mill-John Hopkins University, jemmen li l-kulur tal-univers huwa aktar lewn *cream* . Baldry, flimkien mal-Professur Karl Glazebrrok, ippreżentaw rapport dettaljat dwar din it-teżi lis-Soċjeta' tal-Astronomija Amerikana.

### ♦ *Tewmin jinqatlu f'żewġ inċidenti identiċi*

Fil-Fillandja tewmin ta' 71 sena mietu meta ttajru minn karozza waqt li kienu qed isuqu r-rota. L-inċidenti seħħew fl-istess triq f'temp ta' sagħtejn. Il-każ ġara fil-kosta tal-Punent tal-Fillandja fis-6 ta' Marzu. Waqt li l-Pulizija kienu qed jippruvaw jidentifikaw l-ewwel vittma, waslilhom rapport ieħor. Kulħadd skanta x'ħin ra koinċidenza bħal din.



**IL-LINGWA MALTIJA ĠO FATIMA!**

*Fost sitt lingwi biss li ntagħżlu biex tinkiteb sentenza ta` Kristu, b'ittri kbar fuq ħajt tal-pellegrini fil-pjazza ta' Fatima (li tesa` fuq miljun ruħ), l-aħħar versjoni hija bil-Malti! X'unur kbir għal pajjiżna fil-belt tal-Madonna!*

# Peugeot 307

## Not just a number - A Winner

## CAR OF THE YEAR 2002










**MICHAEL ATTARD LTD.**

National Road, Blata l-Bajda. Tel: 21238854
Psaila Street, Sta. Venera. Tel: 21449312
www.peugeot.com.mt

307
PEUGEOT
**Engineered to be Enjoyed.**




PEG PUBLICATIONS

**Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd**

P.E.G. Building, UB7 Industrial Estate, San Gwann
Tel: (+356) 21 4490 540, 21 449 043 Fax: (+356) 21 488 908
http://www.peg.com.mt e-mail: contact@peg.com.mt